

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 29.10.2009
KUMM(2009)610 finali

2009/0169 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-Programm ta' Riċerka Konġunt tal-Baħar
Baltiku (BONUS-169) li huma impenjati fih diversi Stati Membri**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

SEG(2009)1476
SEG(2009)1475

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Għanijiet

L-iskop ta' din il-proposta, ibbażata fuq l-Artikolu 169 tat-Trattat KE, huwa li tiġi stabbilita l-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-Programm ta' Riċerka Konġunt tal-Baħar Baltiku (BONUS-169) li impenjaw ruħhom fih it-8 Stati Membri tal-Baħar Baltiku tal-UE (id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, u l-Iżvezja, minn hawn 'il quddiem "l-Istati Parteċipanti") biex jappoġġaw l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun tal-Baħar Baltiku. BONUS-169 għandu jipprovdi riżultati xjentifiċi sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' ġestjoni bbażata fuq l-ekosistema fir-reġjun tal-Baħar Baltiku u jsostni l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' regolamenti, politiki u prattiki ta' ġestjoni bbażati fuq l-ekosistema adattati li għandhom l-għan li jissalvagwardjaw l-użu sostenibbli tal-prodotti u s-servizzi tal-ekosistema.

Din l-inizjattiva għandha tgħin ukoll it-twaqqif u l-istrutturar tal-ERA fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku. Il-programmi ffinanzjati preċedement BONUS ERA-NET u ERA-NET PLUS diġà taw kontributi sinifikanti għat-titjib tal-koordinazzjoni tar-riċerka tal-baħar tal-Baħar Baltiku. BONUS-169 għandu jwassal għall-kisba tal-massa kritika jew il-livell ta' integrazzjoni meħtieġ sabiex jiġu indirizzati b'mod xieraq is-sistemi kumplessi ħafna ta' riċerka nazzjonali. Minħabba li ggħib flimkien it-8 Stati Membri tal-Baħar Baltiku tal-UE, din l-inizjattiva għandha l-għan li tikseb koordinazzjoni u kooperazzjoni sostenibbli fost il-politiki tar-riċerka u l-komunitajiet xjentifiċi tagħhom fil-ġestjoni ta' sfidi Ewropej komuni u b'hekk tagħti kontribut sinifikanti lill-istrutturar taż-Żona ta' Riċerka Ewropea fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku billi tneħħi l-ostakli bejn il-programmi ta' riċerka ffinanzjati nazzjonalment. Għandu jkun hemm ambitu għall-parteċipazzjoni tal-Federazzjoni Russa fil-Programm ta' Riċerka Konġunt sakemm jiġu sodisfatti r-rekwiżiti legali neċessarji. Barra minn hekk, BONUS-169 huwa mistenni li jagħti kontribut sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku u jappoġġa attivamenti l-Istrateġija tal-Ibħra u l-Politika Marittima.

L-Istati Parteċipanti fteħmu li n-Netwerk ta' Organizzazzjonijiet Baltiċi għall-Finanzjament tax-Xjenza, BONUS EEIG, stabbilit f'Ħelsinki, il-Finlandja, għandu jkun l-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata ta' BONUS-169.

1.2. Raġunijiet għall-proposta

L-ekosistema tal-Baħar Baltiku hija affettwata serjament mill-impatti naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem. Il-baħar u x-xtut huma affettwati b'mod partikolari mill-impatti negattivi kombinati u dejjem jiżdiedu tat-tniġġis, l-ewtrofikazzjoni, it-tibdil fil-klima, l-aċidifikazzjoni, l-ispeċi aljeni invażivi, l-isfruttament żejjed tar-riżorsi ħajjin u t-telf tal-bijodiversità. Dawn it-theddidiet qed inaqqsu l-kapaċità tal-Baħar Baltiku li jipprovdi b'mod sostenibbli l-prodotti u s-servizzi li l-bniedem jiddependi fuqhom. Dan għandu implikazzjonijiet kritiċi għar-Reġjun Baltiku kollu u l-Komunità Ewropea usa'. Fid-deċennji li ġejjin, it-tibdil globali (inkluż it-tibdil fil-klima) u l-influenzi fit-tul, kif ukoll fuq medda twila huma mistennija li jiżdiedu u jpoġġu aktar pressjoni fuq is-Sistema tal-Baħar Baltiku.

Is-soluzzjonijiet sostenibbli għall-problemi ambjentali u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' approċċ tal-ekosistema fil-Baħar Baltiku jeħtieġu għarfien xjentifika għda sabiex tinftiehem

l-imġiba tas-Sistema estremament kumplessa tal-Baħar Baltiku, l-interazzjonijiet u r-reazzjonijiet tagħha mal-fatturi multipli naturali u antropoġeniċi.

Madankollu, waqt li qed iseħħu ħafna attivitajiet ta' riċerka fir-reġjun tal-Baħar Baltiku, dawn l-isforzi jibqgħu fil-maġġoranza tagħhom mhux koordinati u nieqsa minn pjan ta' azzjoni reġjonali miftiehem b'mod konġunt. Bħala riżultat ta' dan, l-isforzi meħtieġa tant urġentement sabiex jiġu ffaċċjati l-isfidi kumplessi huma frammentati ħafna.

Hija meħtieġa urġentement azzjoni fuq il-livell Komunitarju fir-reġjun tal-Baħar Baltiku, meta wieħed jikkunsidra l-possibilitajiet limitati ta' riċerka disponibbli fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali sabiex jiġu ffaċċjati individwalment l-isfidi kumplessi ambjentali tar-reġjun tal-Baħar Baltiku sħiħ. Hija meħtieġa b'urġenza azzjoni integrata u koordinata bejn l-Istati tal-Baħar Baltiku jekk l-isfidi ambjentali sinifikanti ħafna u urġenti li qed jiffaċċja r-reġjun għandhom jiġu ġestiti b'mod effettiv.

BONUS-169 huwa opportunità għall-kisba tal-massa kritika u l-livell ta' integrazzjoni meħtieġa sabiex jiġu indirizzati b'mod xieraq is-sistemi kumplessi ħafna ta' riċerka nazzjonali. Dan għandu l-għan li jtejjeb l-effiċjenza u l-effettività tal-approċċ u tal-programmi ta' riċerka ambjentali frammentati tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku permezz tal-integrazzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka fis-Sistema tal-Baħar Baltiku fi programm multinazzjonali ffukat sew li huwa interdixxiplinarju, kooperattiv u durabbli li jappoġġa l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun.

Dan jikkonforma mal-appoġġ politiku li ilu hemm dan l-aħħar 15-il sena tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew għat-titjib fil-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka fl-Ewropa u l-koordinazzjoni tal-politiki u programmi ta' riċerka nazzjonali u reġjonali taħt l-appoġġ tas-Seba' Programm Kwadru (FP7) sabiex jiġu evitati l-frammentazzjoni u d-dupplikazzjoni.

Bħala reazzjoni għal dan, il-Kummissjoni qed tippreżenta din il-proposta dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-Programm ta' Riċerka u Żvilupp Konġunt tal-Baħar Baltiku (BONUS-169) li huma impenjati fih diversi Stati Membri.

1.3. Inizjattivi eżistenti fil-qasam tal-proposta

Għalkemm il-komunità tar-riċerka ambjentali tal-Baħar Baltiku għandha aċċess għal numru ta' programmi taħt il-Programm Kwadru RTD tal-UE, fil-preżent mhemm l-ebda skema implimentata b'mod konġunt li tindirizza b'mod speċifiku l-isfidi ambjentali tar-reġjun tal-Baħar Baltiku nnifsu.

Bħala l-ewwel pass għat-titjib tal-koordinazzjoni fir-reġjun, il-BONUS ERA-Net (2004-2006) ġie finanzjat taħt is-Sitt Programm Kwadru. Dan għamel progress tajjeb fl-inizjazzjoni tal-komunikazzjoni bejn istituzzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka, l-analiżi tal-pajżaġġ u l-iżvilupp ta' prekondizzjonijiet għal aktar integrazzjoni billi elabora serje ta' Dokumenti Analitiċi, Pjan Xjentifiku, bażi Legali għal Struttura ta' Implimentazzjoni Deċentralizzata (DIS).

Fl-2006, il-Parlament Ewropew fir-rapport tiegħu dwar il-Proposta tal-Kummissjoni għas-Seba' Programm Kwadru (FP7) irrikonoxxa l-bżonn li tiġi indirizzata l-frammentazzjoni billi enfasizza li "... huwa vitali li s-Seba' Programm Kwadru jsostni l-koordinazzjoni ta' politiki u programmi ta' riċerka nazzjonali u reġjonali" u li sabiex "tiġi evitata l-frammentazzjoni u d-dupplikazzjoni, għandu jkun hemm aktar kooperazzjoni bejn il-programmi ta' riċerka nazzjonali u Ewropej, u bejn l-atturi ekonomiċi fl-aġenda tar-riċerka fit-tul". BONUS-169

kien wieħed minn erba' inizjattivi potenzjali tal-Artikolu 169 inklużi fil-Programm Speċifiku 'Kooperazzjoni' u l-Programm Speċifiku Kapaċitajiet¹ għall-promozzjoni tat-tali koordinazzjoni. Minħabba li f'dak iż-żmien ma kienx "matur" biżżejjed u lest għall-implimentazzjoni, ma ġiex konkluż fl-ewwel sensiela' tal-inizjattivi tal-Artikolu 169. Minflok u qabel l-adozzjoni ta' inizjattiva BONUS-169 lesta għall-kollox, ġie ffinanzjat l-ERA-Net Plus (2007-2011) taħt l-FP7 bħala miżura intermedjarja sabiex jiġu żviluppatti aktar u ttestjati fil-prattika l-mekkaniżmi identifikati permezz tas-sejħa konġunta.

1.4. Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni

BONUS-169 jikkonforma sew mal-għanijiet u l-ispirtu tal-Istrateġija Ewropea dwar l-Ibħra u Marittima u l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku. Barra minn hekk, dan għandu jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tal-Istrateġija ġdida ta' Lisbona billi jinvesti aktar u aħjar fl-għarfien għat-tkabbir u x-xogħol, jikkontribwixxi għar-realizzazzjoni tal-ERA fir-reġjun Baltiku u jgħin lill-Ewropa tirreaġġixxi b'mod aktar effettiv għall-isfidi soċjali importanti fir-reġjun relatati mal-protezzjoni ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli, it-turiżmu, l-akkwakultura, is-sigurtà fl-ikel u t-trasport marittimu.

2. SOMMARJU TAL-AZZJONI LI QED TIĠI PROPOSTA

BONUS-169 għandu jintegra l-programmi u l-attivitajiet ta' riċerka nazzjonali tat-8 Stati tal-Baħar Baltiku fi programm ta' riċerka konġunt wieħed u jappoġġa, b'mod partikolari, l-għanijiet ta' riċerka u ambjentali tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku, l-Istrateġija tal-Ibħra u Marittima u d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma. Barra minn hekk, it-taqgħqida ta' fondi tal-UE u nazzjonali għandha toholoq massa kritika fit-termini tal-kapaċità, l-esperjenza professjonali u r-riżorsi li għandhom jstimulaw tibdiliet strutturali fil-Baħar Baltiku u s-sistemi ta' riċerka tal-baċini tax-xmajjar u ż-żoni kostali relatati u għandhom jippromwovu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' programm ta' riċerka integrat u ffukat sew li huma interdixiplinari, kooperattiv u durabbli implimentat b'mod konġunt mill-Istati Membri kollha li Qed Jipparteċipaw.

Sabiex jilħaq l-għan tiegħu, BONUS-169 għandu jiġi implimentat f'żewġ fażijiet distinti: fażi strateġika inizjali, li għandha ddum sentejn, li matulha għandhom jiġu stabbiliti pjattaformi ta' konsultazzjoni xierqa għall-involviment attiv tal-partijiet interessati, tiġi ppreparata Aġenda ta' Riċerka Strateġika, u jiġu mwessa' u żviluppatti aktar Modalitajiet ta' Implimentazzjoni preċiżi; fażi ta' implimentazzjoni, ta' mill-anqas 5 snin, li matulha jsiru tliet sejħiet konġunti bl-għan li jiġu ffinanzjati b'mod strateġiku l-Proġetti tal-BONUS-169 li jindirizzaw speċifikament l-għanijiet tal-inizjattiva.

L-approċċ f'żewġ stadji għandu jippermetti li timpenjaw ruħha usa'firxa usa' ta' istituzzjonijiet ta' finanzjament u b'hekk jiġu mmobiltati fondi addizzjonali u l-istabbiliment ta' aġenda ta' riċerka koerenti, ibbażata fuq il-politika u għat-tul għas-sostenn tal-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun.

¹ 2006/971/KE, Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku 'Kooperazzjoni' li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007 sa 2013);

2006/974/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku 'Kapaċitajiet' s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007 sa 2013)

Minħabba li s-suċċess futur ta' BONUS-169 jiddependi ħafna fuq il-kisba tal-għanijiet stabbiliti għall-fażi strateġika, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-maturità u l-prontezza tal-inizjattiva u sakemm ir-riżultati tal-evalwazzjoni jkunu pożittivi il-Kummissjoni u l-BONUS EEIG għandhom jikkonkludu Ftehim ta' Implimentazzjoni.

Il-Komunità Ewropea għandha tagħti kontribuzzjoni ugwali għall-kontribuzzjonijiet eliġibbli tal-Istati Parteċipanti sa massimu ta' EUR 50 miljun li ġġib it-total tal-baġit mistenni għall-inizjattiva għal EUR 100 miljun. Il-kontribuzzjonijiet tal-flus tal-Istati Parteċipanti u l-kontribuzzjoni tal-Komunità għandhom jiġu amministrati bħala fond komuni reali.

Il-fażi strateġika għandha tiġi implimentata b'fond skont ir-regoli stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u r-Regolament (KE) nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013)².

Il-fażi ta' implimentazzjoni għandha tiġi implimentata b'ġestjoni ċentralizzata indiretta, skont id-dispożizzjonijiet tal-Art. 54(2) (c) tar-Regolament Finanzjarju. Skont l-Artikolu 56 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni l-ewwel għandha tikseb evidenza tal-eżistenza u l-operat proprju ta', fost affarijiet oħrajn, proċeduri għall-għoti ta' fondi, sistema ta' kontroll interna, sistema ta' kontabilità xierqa fi ħdan l-entità li tagħżel li tagħmel responsabbli għall-implimentazzjoni, u verifika esterna indipendenti.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Bażi legali

Il-proposta għal BONUS-169 hija bbażata fuq l-Artikolu 169 tat-Trattat KE, li jipprovdi għall-parteċipazzjoni tal-Komunità fi programmi ta' riċerka li impenjaw ruħhom fihom b'mod konġunt diversi Stati Memrbi, inkluża l-parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għall-eżekuzzjoni ta' dawk il-programmi.

Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 971/2006/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplementa s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) issemmi b'mod espliċitu l-BONUS-169 bħala wieħed mill-kandidati potenzjali taħt il-Koordinazzjoni ta' programmi ta' riċerka mhux Komunitarji.

3.2. Il-prinċipju tas-sussidjarità

Minkejja l-isforzi kollha li saru sabiex jiġu indirizzati l-frammentazzjoni u d-duplikazzjoni fir-riċerka tal-Baħar Baltiku, għad hemm bżonn għal integrazzjoni rinfurzata bejn l-isforzi ta' riċerka ffinanzjati nazzjonalment sabiex jiġu indirizzati bis-sħiħ l-isfidi ambjentali li qed jiffaċċja r-Reġjun tal-Baħar Baltiku li huma, fil-maġġoranza tagħhom, ta' natura transnazzjonali. L-għanijiet strateġiċi ta' din l-azzjoni, jiġifieri l-integrazzjoni tal-programmi nazzjonali ta' riċerka ambjentali tal-Baħar Baltiku sabiex jiġu indirizzati l-problemi ambjentali urġenti tar-reġjun tal-Baħar Baltiku u n-nuqqasijiet li qed iwasslu għall-frammentazzjoni, ma jistgħux jiġu indirizzati minn Stati Membri li jkunu qed jaġixxu waħedhom u fil-qasam tas-

² ĠU 30.12.2006 L 391/1

sistema kostituzzjonali nazzjonali tagħhom minħabba li l-azzjonijiet li huma purament intergovernattivi u li għandhom l-għan li jiġi koordinat il-finanzjament ambjentali pubbliku fil-Baħar Baltiku ma ġewx estiżi f'dawn l-aħħar snin u, s'issa, għadhom ma kienux kapaċi jindirizzaw l-isfidi Ambjentali b'suċċess.

Il-finanzjament addizzjonali li jrid jiġi pprovdut permezz tal-Artikolu 169 għandu (1) isostni finanzjament transtematiku rilevanti ħafna għall-bżonnijiet ta' riċerka reali, iżda li jkun separat mill-iskemi ta' finanzjament tradizzjonali bħal proġetti li jikkombinaw ix-xjenza naturali/soċjali/umanitarja eċċ. (2) jippromwovi t-tnaqqis tal-iżbilanċ bejn il-lvant u l-punent fil-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp, (3) jinkoraġġixxi Organizzazzjonijiet li Jiffinanzjaw ir-Riċerka Nazzjonali biex innaqqsu l-indipendenza tagħhom għal skema ta' governanza konġunta aktar effettiva implimentata li tissorvelja r-riċerka tas-Sistema tal-Baħar Baltiku. Dan kien rikonoxxut ukoll bl-appoġġ politiku qawwi u l-appoġġ mill-gvernijiet nazzjonali tal-Istati Baltiċi, il-Kunsilli Ewropej differenti u l-Parlament Ewropew.

Barra minn hekk, minbarra l-valur addizzjonali reġjonali mistenni, l-inizjattiva għandha tgħin ukoll fl-iżvilupp ta' mudelli ta' governanza tar-riċerka simili għal ibħra oħra Ewropej.

3.3. Il-prinċipju tal-proporzjonalità

L-Artikolu 169 jistieden lill-Komunità biex tagħmel "dispożizzjonijiet, bi ftehim mal-Istati Membri kkonċernati, għall-parteciċipazzjoni tagħha fil-programmi ta' riċerka u żvilupp li impenjaw ruħhom fihom diversi Stati Membri, inkluża l-parteciċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għall-eżekuzzjoni ta' dawk il-programmi." Fuq dan l-isfond, l-Istati Membri huma fuq quddiem u għandhom diversi possibilitajiet kbar għat-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali.

L-inizjattiva hija mistennija li jkollha influwenza qawwija ħafna billi timmobilizza sa EUR 100 miljun għal riċerka fil-Baħar Baltiku – somma li kieku ma kinitx tiġi impenjata fl-assenza tal-Artikolu 169 u meqjusa assolutament essenzjali minħabba t-tip u l-urġenza tal-isfidi li qed jiġu ffaċċjati. Dan il-finanzjament għandu jippermetti l-BONUS-169 iċaqlaq b'mod drastiku l-linja bażi kurrenti minn sistema prinċipalment frammentata ta' investiment RTD fir-riċerka ambjentali fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku lejn investiment strutturat u bilanċjat kapaċi jindirizza l-aspetti kumplessi u transfruntieri tas-Sistema tal-Baħar Baltiku sħiħa u jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki sostenibbli b'saħħithom fir-reġjun.

3.4. L-għażla tal-istrumenti

Ġew ikkunsidrati tliet alternattivi ta' politika sabiex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali u speċifiċi tal-inizjattiva. Dawn huma:

- Alternattiva ta' politika 1: Il-kontinwazzjoni tal-politiki żviluppanti sal-lum taħt FP 7 ("kollox jibqa' kif inhu")
- Alternattiva ta' politika 2: Rikors għal sejħa(iet) transtematika orjentata lejn ir-reġjun taħt il-Programm Kwadru
- Alternattiva ta' politika 3 – Rikors għall-Artikolu 169 bi tliet approċċi alternattivi (A, B u C) li jvarjaw fl-ambitu u l-fond tal-orjentazzjoni strateġika u l-involviment tal-partijiet interessati fis-simplifikazzjoni u l-implimentazzjoni tas-sejħiet għall-proposti

- Alternattiva ta' politika 3 permezz tal-approċċ A – Rikors għall-Artikolu 169 b'attenzjoni limitata fuq ir-riċerka tal-baħar u bl-illanċjar immedjat ta' sejħiet għall-proposti ffukati fuq ix-xjenza
- Alternattiva ta' politika 3 permezz tal-approċċ B – Rikors għall-Artikolu 169 b'attenzjoni usa' li tinkludi l-baċin idrografiku tal-Baħar Baltiku u b'viżjoni Strateġika u pjan ta' rotta li jridu jiġu żviluppati qabel il-bidu tal-inizjattiva u l-proposta tal-Kummissjoni
- Alternattiva ta' politika 3 permezz tal-approċċ C – Rikors għall-Artikolu 169 b'attenzjoni usa' li tinkludi l-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni u b'viżjoni strateġika u pjan ta' rotta żviluppata matul l-ewwel fażi tal-inizjattiva.

Il-alternattiva ta' politika 3 permezz tal-approċċ C hija l-opzjoni ppreferita minħabba li din tista' tindirizza b'mod effettiv in-nuqqasijiet identifikati hawn fuq billi tikseb integrazzjoni sostenibbli u durabbli fil-livell tal-Istati Membri, istituzzjonali u tal-komunità tar-riċerka.

Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għandha tiżgura li l-interess verament Ewropew ikun rifless fil-programm ta' ħidma tal-inizjattivi, billi jibni fuq, iżda ma jkunx limitata għal, attivitajiet indirizzati fil-livell purament nazzjonali.

4. IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

L-implikazzjonijiet għall-baġit ta' din il-proposta orizzontali diġà ssemew fil-bażi legali tal-FP7³ kif ukoll fil-Programm Speċifiku "Koooperazzjoni" tal-FP7⁴. Il-ftehim li jrid jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-istruttura tal-implimentazzjoni dedikata għandu jiżgura li l-interessi finanzjarji tal-Komunità jiġu protetti.

5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

5.1. Simplifikazzjoni

Il-proposta tipprovdi għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi (tal-UE jew nazzjonali) u għall-partijiet privati.

L-UE għandha tittratta direttament mal-istruttura tal-implimentazzjoni dedikata tal-BONUS-169 (il-BONUS EEIG stabbilit f'Ħelsinki) li għandha tkun responsabbli għall-allokazzjoni, l-amministrazzjoni, il-monitoraġġ u r-rapportaġġ dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-Komunità u l-kontribuzzjonijiet tal-flus tal-Istati Membri. Il-Kontribuzzjoni tal-Komunità flimkien mal-kontribuzzjonijiet tal-flus tal-Istati Membri għandhom jiġu amministrati bħala fond komuni reali.

³ Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE, ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1

⁴ Deċiżjoni Nru 971/2006/KE, ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86

5.2. Reviżjonijiet

Qabel ma tibda l-fażi ta' implimentazzjoni l-Kummissjoni għandha tevalwa l-maturità u l-prontezza tal-inizjattiva. Għandha ssir reviżjoni f'nofs iż-żmien f'nofs il-perjodu tal-fażi ta' implimentazzjoni u għandha ssir reviżjoni finali fl-aħħar tal-programm ta' riċerka konġunt.

5.3. Iż-Żona Ekonomika Ewropea

L-att propost għandu x'jaqsam ma' materja taż-ŻEE u għalhekk għandu jestendi għaż-ŻEE.

6. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI

6.1. Metodi ta' konsultazzjoni, setturi ewlenin ta' mira u profil ġenerali ta' dawk li wiegħbu

Il-parir ta' ħames esperti indipendenti li jiffurmaw il-Grupp Espert tal-Valutazzjoni tal-Impatt ta' BONUS (IAEG) kien imfittex sabiex jakkompanja l-proċess ta' Valutazzjoni tal-Impatt. Il-grupp ikkombina firxa wiesgħa ta' esperjenza professjonali ta' livell għoli, u ltaqa' regolarment fi Brussell⁵ matul l-2008 u fl-ewwel nofs tal-2009. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu fformaw il-bażi għal reviżjoni tal-Programm BONUS-169 mill-konsorzju tal-BONUS bl-assistenza ta' żewġ esperti indipendenti kuntrattati mill-Kummissjoni għal dan il-għan.

Iż-żewġ gruppi ta' esperti analizzaw firxa wiesgħa ta' dokumenti ta' sfond dwar is-sitwazzjoni ġenerali tal-ambjent u r-riċerka ambjentali fiż-żona Baltika kif ukoll id-dokumentazzjoni kollha pprovduta mill-konsorzju tal-BONUS-169 u taw parir lill-Konsorzju tal-BONUS dwar l-abbozzar ta' "Deskrizzjoni ġenerali tal-Programm ta' Riċerka Konġunt tas-Sistema tal-Baħar Baltiku BONUS-169".

6.2. Konsultazzjoni tal-partijiet interessati rilevanti mwettqa mill-Kummissjoni

Konsultazzjoni fil-kuntest tal-elaborazzjoni, l-addozzjoni u l-implimentazzjoni tas-7 Programm Kwadru RTD tal-UE

BONUS-169 ifforma parti integrali tal-programm speċifiku 'Kooperazzjoni', u ġie soġġett għal u bbenefika minn proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa ħafna organizzat fil-kuntest tal-FP7. Barra minn hekk, billi jaqa' taħt il-qasam tematiku Ambjent (inkluż it-tibdil fil-klima), huwa soġġett għal konsultazzjonijiet regolari mal-Kumitat tal-Programm u l-Grupp Konsultattiv tal-Programm korrispondenti.

Konsultazzjoni dwar Strateġija Ewropea għar-Riċerka tal-Ibħra u Marittima

BONUS-169 iffurma parti integrali tal-Istrateġija Ewropea għar-Riċerka tal-Ibħra u Marittima u b'hekk ibbenefika mill-proċess ta' konsultazzjoni li sar fil-qafas tal-Istrateġija.

Konsultazzjoni mal-Ministri tal-Istati Membri Baltiċi tal-UE fir-rigward tal-impenn politiku f' BONUS-169 futur

⁵ 17 ta' Lulju, 8 - 10 ta' Settembru, 6 - 7 u 20-21 ta' Novembru 2008, 26-27 ta' Frar 2009, 15 t'April, 3-4 ta' Ġunju u 11-12 ta' Ġunju 2009

Bħala tweġiba għal ittra mill-Kummissarju tad-DĠ għar-Riċerka Potočnik iddatata Novembru 2008, il-Ministri tar-Riċerka mill-pajjiżi parteċipanti ta' BONUS affermaw mill-ġdid l-impenn politiku u finanzjarju tagħhom lejn l-inizjattiva u appoġġaw il-bżonn għal reviżjoni tal-verżjoni oriġinali ta' BONUS-169 sabiex tinġieb konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-IAEG.

*Konsultazzjoni mal-partijiet interessati fil-kwadru tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku*⁶

L-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (EUSBR) fl-ambitu u l-firxa wiesgħa ħafna tagħha tagħmel referenza espliċita għall-inizjattiva BONUS-169 kemm taħt l-azzjoni orjentata lejn il-politika kif ukoll fil-pjan ta' azzjoni dettaljat. F'dan il-kuntest, ibbenefikat ħafna mill-konsultazzjoni pubblika u mal-partijiet interessati li saret f'dan il-kwadru fl-2008/2009⁷.

Opinjoni tal-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt

L-abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ġie ppreżentat lill-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt – korp magħmul minn uffiċjali għolja tal-Kummissjoni b'mandat biex jivverifikaw il-kwalità tar-rapporti tal-valutazzjoni tal-impatt tal-inizjattivi l-aktar sinifikanti tal-Kummissjoni – fid-9 ta' Settembru 2009. Wara li nġhatat l-opinjoni tal-Bord tal-11 ta' Settembru 2009, ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ġie rivedut biex jagħti kunsiderazzjoni, kemm jista' jkun, lir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet iwasslu l-aktar għal titjib fl-ispejgazzjoni tal-valur miżjud tal-azzjoni tal-UE u jikkjarifikaw l-għanijiet tal-inizjattiva Bonus. Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt rivedut ġie sottomess mill-ġdid lill-Bord fil-21 ta' Settembru 2009. Waqt li l-Bord ta' opinjoni pożittiva dwar din il-verżjoni tal-aħħar, għamel xi rakkomandazzjonijiet għal aktar kunsiderazzjoni. Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt fil-verżjoni tal-aħħar tiegħu jipprova jindirizza, kemm jista' jkun, uħud mill-aħħar rakkomandazzjonijiet tal-Bord u jiġġustifika r-raġunijiet – l-aktar minħabba nuqqas ta' dejta disponibbli – għan-nuqqas li jindirizzati l-bqija tal-kwistjonijiet.

6.3. Konsultazzjoni mal-Partijiet Interessati mwettqa mill-Konsorzju tal-BONUS

Fl-iżvilupp tal-Pjan Xjentiku u l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni oriġinali, il-konsorzju tal-BONUS involva ħafna gruppi ta' partijiet interessati bejn il-perjodu ta' Ġunju 2005 u Novembru 2006. Il-proċess inkluda varjetà ta' mekkaniżmi ta' konsultazzjoni u proċeduri għas-sottomissjoni tal-fehmiet fid-disa' pajjiżi tal-Baħar Baltiku (jiġifieri t-8 pajjiżi tal-UE u l-Federazzjoni Russa). Varjetà wiesgħa ta' xjenzjati akkademiċi u governattivi fid-dixxiplini u l-isferi kollha rilevanti tax-xjenza tal-baħar ġew ikkonsultati flimkien mal-aġenziji ta' finanzjament tal-konsorzju BONUS, il-ministeri rilevanti u l-istituti speċjalizzati assoċjati tagħhom, organizzazzjonijiet intergovernattivi u internazzjonali kif ukoll dawk li jagħmlu d-deċiżjonijiet tal-ġestjoni u regolatorji.

Barra minn hekk, il-Bord Konsultattiv ta' BONUS li jikkonsisti minn firxa wiesgħa ta' partijiet interessati bħal HELCOM, ICES, DG MARE, WWF, u l-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa Finlandiża ukoll kellhom rwol importanti fil-preparazzjoni tal-Pjan Xjentifiku u l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni ta' BONUS-169.

⁶ COM 2009, 248/3

⁷ http://ec.europa.eu/regional_policy/consultation/baltic/consultation_en.htm.

L-Aġenda Ġenerali tar-Riċerka ta' BONUS-169 sottomessa lid-DĠ RTD f'Ġunju 2009 hija bbażata l-aktar fuq ix-xogħol u l-konsultazzjonijiet li saru għall-inizjattiva oriġinali ta' BONUS-169.

Programm estensiv u strateġiku ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati għandu jsir matul il-fażi strateġika tal-Programm li jindirizza l-partijiet interessati minn setturi oħra rilevanti bħall-agrikoltura, is-sajd, l-akkwakultura, it-trasport u l-immaniġġjar tal-ilma.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-parteciċipazzjoni tal-Komunità fil-programm ta' Riċerka u Żvilupp Konġunt tal-Baħar Baltiku (BONUS-169) li impenjaw ruħhom fih diversi Stati Membri

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 169 u 172, paragrafu tnejn, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁸,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat⁹,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013)¹⁰ (minn hawn 'il quddiem 'is-Seba' Programm Kwadru') ttiprovdi għall-parteciċipazzjoni tal-Komunità fi programmi ta' riċerka u ta' żvilupp li impenjaw ruħhom fihom diversi Stati Membri, inkluża l-parteciċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għall-eżekuzzjoni ta' dawk il-programmi, skont it-tifsira tal-Artikolu 169 tat-Trattat.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 971/2006/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku 'Kooperazzjoni' li jimplementa s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013)¹¹ li tinkoraġġixxi approċċ transtematiku lejn suġġetti ta' riċerka rilevanti għal wieħed jew aktar mit-temi tas-Seba' Programm Kwadru, u f'dan il-kuntest identifikat inizjattiva tal-Artikolu 169 fil-qasam tar-riċerka Konġunta tal-Baħar Baltiku bħala waħda mill-oqsma addattati għall-parteciċipazzjoni tal-Komunità fi programmi ta' riċerka nazzjonali implimentati b'mod konġunt.
- (3) L-ekosistema tal-Baħar Baltiku, baħar intern Ewropew semi-maġhluq, hija waħda mill-akbar korpi tal-ilma salmastru u llum hija affettwata serjament minn diversi impatti naturali u kkawżati mill-bniedem, bħat-tniġġis minn metalli tqal, pollutanti

⁸ ĠU C , , p. .

⁹ ĠU C , , p. .

¹⁰ ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.

¹¹ ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86

organiċi persistenti, materjal radjuattiv, tixrid ta' żejt u sustanzi oħra li jagħmlu l-ħsara u perikolużi, id-dħul eċċessiv ta' nutrijenti u materjal organiku li jwassal għal ewtrofikazzjoni avanzata, l-introduzzjoni ta' organiżmi aljeni li jagħmlu l-ħsara, l-isfruttar mhux sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut, l-impatti negattivi tat-tibdil tal-klima, it-telf tal-bijodiversità, u ż-żieda fl-ispazju miksub minn attivitajiet tal-bniedem f'żoni kostali u fil-baħar inkluż it-turiżmu ekoloġikament insostenibbli. Dawn il-perssonijiet naqqsu serjament il-kapaċità tal-Baħar Baltiku li jipprovdi b'mod sostenibbli l-prodotti u s-servizzi li fuqhom jiddependi l-bniedem direttament u indirettament għal benefiċċji soċjali, kulturali u ekonomiċi.

- (4) Il-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Diċembru enfasizza t-tħassib dwar l-istat tal-ambjent fil-Baħar Baltiku, kif riflless fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku¹² addottata mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-inizjattiva tal-Artikolu 169 għax-Xjenza tal-Baħar Baltiku.
- (5) Ix-xjenza tista' tikkontribwixxi biex tindirizza dawn l-isfidi u ssib soluzzjonijiet għall-problemi ambjentali fil-Baħar Baltiku. Madankollu, il-gravità tas-sitwazzjoni preżenti ssejjaħ għal avvanz kwalitattiv u kwantitattiv tar-riċerka kurrenti fir-reġjun Baltiku permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' approċċ integrat bis-sħiħ fejn il-programmi ta' riċerka rilevanti tal-Istati ġirien jistgħu jiġu simplifikati u ffukati sabiex jindirizzaw il-kwistjonijiet kumplessi u urġenti b'mod koordinat, effiċċjenti u effettiv.
- (6) Fil-preżent, numru ta' programmi jew attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li huma impenjati fihom l-Istati Membri individwalment f'livell nazzjonali għas-sostenn tar-riċerka u l-iżvilupp fir-reġjun tal-Baħar Baltiku mhumiex koordinati biżżejjed f'livell Ewropew sabiex tinkiseb il-massa kritika meħtieġa fl-oqsma tar-riċerka u l-iżvilupp strateġiku.
- (7) Barra minn hekk, l-istrutturi tar-riċerka speċifiċi għas-settur eżistenti, li ġew żviluppati permezz ta' storja twila ta' politika nazzjonali, għandhom għeruq fondi fis-sistemi ta' governanza nazzjonali u jostakolaw l-iżvilupp u l-finanzjament tar-riċerka ambjentali multidixxiplinari, interdixxiplinari u transdixxiplinari meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-Baħar Baltiku.
- (8) Filwaqt li hemm tradizzjoni twila ta' kooperazzjoni fir-riċerka tal-Baħar Baltiku kemm fi ħdan kif ukoll 'il barra miż-żona tal-Baħar Baltiku, l-isforzi kollaborattivi s'issa kienu nieqsa minn riżorsi finanzjarji xierqa għall-isfruttament ottimali tal-potenzjal tar-riċerka minħabba s-sitwazzjoni ekonomika u ta' żvilupp mhux ugwali fil-pajjiżi kif ukoll aġendi ta' riċerka, temi ta' riċerka u prijoritajiet nazzjonali li jvarjaw ħafna. Din is-sitwazzjoni żammet lura l-potenzjal li jinkisbu riżultati ta' riċerka ta' użu sinifikanti għad-definizzjoni tal-politika.
- (9) Il-Kummissjoni fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2007-2008 tal-11 ta' Ġunju 2007 għall-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku 'Kooperazzjoni'¹³, ipprovdiet appoġġ finanzjarju lill-BONUS ERA-NET u ERA-NET PLUS fil-qasam tar-riċerka ambjentali tal-Baħar Baltiku sabiex tsahħah il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji li jiffinanzjaw ir-

¹² COM(2009) 248 finali tal-10 ta' Ġunju 2009.

¹³ C(2007)2460 tal-11 ta' Ġunju 2007.

riċerka ambjentali fir-reġjun Baltiku u tiffaċilita t-transizzjoni lejn programm ta' riċerka u żvilupp konġunt fil-Baħar Baltiku li għandu jiġi implimentat fuq il-bażi tal-Artikolu 169 tat-Trattat.

- (10) Konformi mal-approċċ tas-Seba' Programm Kwadru u kif rikonoxxut fil-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati li twettqu matul BONUS ERA-NET, fir-reġjun Baltiku hemm bżonn ta' programmi ta' riċerka bbażati fuq il-politika.
- (11) Id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Finlandja u l-Iżvezja (minn hawn 'il quddiem "Stati Parteċipanti ") ftehm li jimpenjaw ruħhom b'mod konġunt fil-Programm ta' Riċerka u Żvilupp Konġunt tal-Baħar Baltiku BONUS-169 (minn hawn 'il quddiem "BONUS-169"). BONUS-169 għandu l-għan li jappoġġa l-iżvilupp xjentifiku u l-innovazzjoni billi jipprovdi l-kwadru legali u organizzattiv neċessarju għal kooperazzjoni transnazzjonali bejn l-istati tal-Baħar Baltiku fuq ir-riċerka ambjentali fir-reġjun tal-Baħar Baltiku.
- (12) Filwaqt li tiffoka l-aktar fuq ir-riċerka ambjentali, l-inizjattiva BONUS-169 tmis numru ta' programmi ta' riċerka tal-Komunità rilevanti fuq firxa ta' attivitajiet tal-bniedem li għandhom impatti akkumulattivi fuq l-ekosistema bħas-sajd, l-akkwakultura, l-agrikultura, l-infrastruttura, it-trasport, it-taħriġ u l-mobilità tar-riċerkaturi kif ukoll kwistjonijiet soċjo-ekonomiċi. Din l-inizjattiva hija ta' rilevanza konsiderevoli għal numru ta' politiki u Direttivi tal-Komunità inkluża d-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina)¹⁴, l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, il-Politika Komuni tas-Sajd, il-Politika Komuni Agrikola, id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma¹⁵ u impenji internazzjonali tal-UE bħall-Pjan ta' Azzjoni għall-Baħar Baltiku HELCOM. Bħala riżultat, diversi oqsma oħra tal-Politika tal-Komunità għandhom jibbenefikaw minn BONUS-169.
- (13) Sabiex jiżjed l-impatt ta' BONUS-169, l-Istati Parteċipanti qablu li l-Komunità tipparteċipa f'dan.
- (14) BONUS-169 għandu jinkludi fażi strateġika, segwita minn fażi ta' implimentazzjoni, li ttiprovdi opportunità biex titwettaq konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati dwar l-aġenda ta' riċerka strateġika kapaċi ukoll li tittratta l-bżonnijiet ta' riċerka li jkunu. Matul il-fażi strateġika tal-inizjattiva, għandu jiġi mfittex l-involviment ta' aġenziji ta' finanzjament addizzjonali, orjentati lejn is-settur għat-titjib tal-integrazzjoni tar-riċerka li jindirizza l-bżonnijiet tal-aħħar utent transsettorjali u jiżgura l-użu effettiv u assorbiment tar-riżultati għall-arranġamenti tal-politika u l-ġestjoni tar-riżorsi fuq serje wiesgħa ta' setturi ekonomiċi.
- (15) Fi tmiem il-fażi strateġika, il-Kummissjoni, assistita minn esperti indipendenti għandha tevalwa l-maturità u l-prontezza tal-inizjattiva biex tidħol fil-fażi ta' implimentazzjoni.

¹⁴ ĠU L 164, 25.6.2008., p.19

¹⁵ ĠU L 327, 22.12.2000, p.1.

- (16) L-Istati Parteċipanti qablu li jikkontribwixxu EUR 50 miljun lil BONUS-169. Kontribuzzjonijiet mhux monetarji fil-forma ta' aċċess għal u użu ta' infrastrutturi għandhom ikunu permessi, sakemm ma jirrapreżentawx parti sinifikanti tal-kontribuzzjoni shiġha. Dawn għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjoni tal-valur tagħhom u l-utilità tagħhom għat-tweqqi tal-proġetti BONUS-169.
- (17) Il-parteċipazzjoni tal-Komunità f'BONUS-169 għandha tkun sa EUR 50 miljun għat-tul kollu ta' BONUS-169 u tkun ugwali, fi ħdan dak il-limitu, għall-kontribuzzjoni tal-Istati Parteċipanti sabiex iżżid l-interess tagħhom fit-tweqqi tal-programm b'mod konġunt. Il-maġġoranza tal-kontribuzzjoni tal-Komunità għandha tkun allokata għall-fażi ta' implimentazzjoni. Għandu jiġi definit limitu għal kull fażi. Il-limitu għall-fażi ta' implimentazzjoni għandu jiġi miżjud b'kwalunkwe ammont li jibqa' wara l-implimentazzjoni tal-fażi strateġika.
- (18) L-implimentazzjoni konġunta ta' BONUS-169 teħtieġ struttura ta' implimentazzjoni dedikata, kif stipulat fid-Deċiżjoni Nru 971/2006/KE. L-Istati Parteċipanti ftehm fuq it-tali struttura ta' implimentazzjoni dedikata (Netwerk ta' Organizzazzjonijiet Baltiċi għall-Finanzjament tax-Xjenza, BONUS EEIG (minn hawn 'il quddiem "BONUS EEIG")) għall-implimentazzjoni ta' BONUS-169. BONUS EEIG għandu jirċievi l-kontribuzzjoni tal-Komunità u tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteċipanti. Dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu amministrati minn BONUS EEIG skont ir-regoli u l-proċeduri ta' finanzjament komuni għall-programm. BONUS EEIG għandu jiżgura wkoll li t-tweqqi ta' BONUS-169 jikkonforma mal-ġestjoni finanzjarja f'saħħitha.
- (19) Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għandha tkun soġġetta għall-impenn tar-riżorsi mill-Istati Parteċipanti u l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom.
- (20) Il-ħlas tal-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-fażi strateġika għandha tkun soġġetta għall-konklużjoni ta' ftehim dwar il-fondi bejn il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità, u BONUS EEIG li għandu jkun ikkontrollat mir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013)¹⁶ sabiex tiġi faċilitata u simplifikata l-ġestjoni tiegħu.
- (21) Il-ħlas tal-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-fażi ta' implimentazzjoni għandha tkun soġġetta għall-konklużjoni ta' ftehim dwar l-implimentazzjoni bejn il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità u BONUS EEIG, li jkun fih l-arranġamenti dettaljati għall-użu tal-kontribuzzjoni tal-Komunità. Din il-parti tal-kontribuzzjoni tal-Komunità għandha tiġi ġestita taħt ġestjoni ċentralizzata indiretta skont l-Artikoli 54(2)(c) u 56 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolamenti Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹⁷ (minn hawn 'il quddiem "Regolament Finanzjarju"), u l-Artikoli 35, 38(2) u 41 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju¹⁸.

¹⁶ ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1.

¹⁷ ĠU L 248, 16.09.2002, p. 1.

¹⁸ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

- (22) Kwalunkwe imgħax li jirriżulta mill-kontribuzzjonijiet imħallsa lil BONUS EEIG għandu jkun ikkunsidrat bħala d-dħul tiegħu u assenjat għall-implimentazzjoni ta' BONUS-169.
- (23) Sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tagħha, il-Komunità għandu jkollha d-dritt li tnaqqas, tirtira jew ittemm il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha fil-każ li BONUS-169 jiġi implimentat ħażin, parzjalment jew tard, jew l-Istati Parteċipanti ma jikkontribwixxux, jew jikkontribwixxu parzjalment jew tard, lill-finanzjament ta' BONUS-169, skont it-termini stabbiliti fil-ftehim li jrid jiġi konkluż bejn il-Komunità u BONUS EEIG.
- (24) Sabiex BONUS-169 jiġi implimentat b'mod effettiv, matul il-fażi ta' implimentazzjoni, l-appoġġ finanzjarju għandu jingħata lill-parteċipanti tal-proġetti BONUS-169 magħżula fil-livell ċentrali taħt ir-responsabbiltà ta' BONUS EEIG wara li jsiru sejħiet għall-proposti.
- (25) Waqt li ċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka huwa dipartiment tal-Kummissjonijiet, madankollu l-istituti tiegħu għandhom il-kapaċitajiet ta' riċerka li huma rilevanti għal BONUS-169 u jistgħu jikkontribwixxu lejn l-implimentazzjoni tiegħu. Għalhekk huwa xieraq li jiġi definit ir-rwol taċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka fit-termini tal-eliġibilità tiegħu għall-finanzjament.
- (26) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali, l-evalwazzjoni għandha ssegwi l-istess prinċipji li japplikaw għall-proposti sottomessi taħt is-Seba' Programm Kwadru. Għalhekk l-evalwazzjoni tal-proposti għandha ssir b'mod ċentrali minn esperti indipendenti taħt ir-responsabbiltà ta' BONUS EEIG. Il-klassifikazzjoni u l-ordni ta' prijorità għandha tiġi approvata minn BONUS EEIG strettament wara r-riżultat tal-evalwazzjoni indipendenti li għandu jkun torbot.
- (27) Kwalunkwe Stat Membru u kwalunkwe pajjiż assoċjat mas-Seba' Programm Kwadru għandu jkun intitolat li jipparteċipa f'BONUS-169.
- (28) Konformi mal-għanijiet tas-Seba' Programm Kwadru, il-parteċipazzjoni minn kwalunkwe pajjiż ieħor f'BONUS-169 għandu jkun possibbli fejn din il-parteċipazzjoni tkun pprovduta bi ftehim rilevanti internazzjonali u fejn kemm il-Kummissjoni u l-Istati Membri li qed jipparteċipaw jaqblu magħha. Skont is-Seba' Programm Kwadru, il-Komunità għandha jkollha d-dritt li tagħti l-approvazzjoni tagħha dwar il-kondizzjonijiet relatati mal-kontribuzzjoni finanzjarji tagħha lil BONUS-169 fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta' pajjiżi oħra skont ir-regoli u l-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.
- (29) Għandhom jittiehdi l-miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u għandhom jittieħdu l-passi neċessarji għall-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa ħażin jew użati skorrettament skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea¹⁹, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet

¹⁹ ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

oħra²⁰ u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)²¹.

- (30) Huwa essenjali li l-attivitajiet ta' riċerka mwettqa taħt BONUS-169 jikkonformaw mal-prinċipji ta' etika bażiċi, inklużi dawk li jinstabu fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u jsegwu l-prinċipji tal-integrazzjoni tal-ġeneru u tal-ugwaljanza bejn is-sessi.
- (31) Il-Kummissjoni għandha tmexxi evalwazzjonijiet intermedji, tevalwa l-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni ta' BONUS-169 u l-progress lejn l-għanijiet stabbiliti, kif ukoll evalwazzjoni finali.
- (32) BONUS EEIG għandu jinkorraġġixxi lill-parteċipanti tal-proġetti BONUS-169 magħżula biex jikkomunikaw u jxerrdu sew r-riżultati tagħhom u jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

ADDOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1
Kontribuzzjoni tal-Komunità

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità u l-Programm ta' Riċerka u Żvilupp Konġunt tal-Baħar Baltiku BONUS-169 (minn hawn 'il quddiem "BONUS-169") li impenjaw ruħhom fih b'mod konġunt id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Finlandja u l-Iżvezja (minn hawn 'il quddiem "Stati Parteċipanti"), għandha tiġi pprovduta taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.
2. Il-Komunità għandha tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja ta' sa EUR 50 miljun għat-tul kollu ta' BONUS-169 skont ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 matul il-fażi strateġika u skont l-Artikolu 54(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju matul il-fażi ta' implimentazzjoni. Fi ħdan dak il-limitu, il-kontribuzzjoni tal-Komunità għandha tkun ugwali għall-kontribuzzjoni tal-Istati Parteċipanti.
3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha titħallas b'mod konġunt mill-approprijazzjonijiet tal-baġit allokat li rilevanti tal-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni".

Artikolu 2
Implementazzjoni ta' BONUS-169

1. BONUS-169 għandu jiġi implimentat min-Netwerk ta' Organizzazzjonijiet Baltiċi għall-Finanzjament tax-Xjenza, BONUS EEIG (minn hawn 'il quddiem "BONUS EEIG")

²⁰ ĠU L 292, 15.11.1996, p 2.

²¹ ĠU L 136, 31.05.1999, p. 1.

2. BONUS-169 għandu jiġi implimentat f'żewġ fażijiet skont l-Anness I: fażi strateġika segwita b'fażi ta' implimentazzjoni.
3. Il-fażi strateġika tal-Programm għandha ddum sa sentejn. Din għandha tipprepara l-fażi ta' implimentazzjoni. Matul il-fażi strateġika, il-BONUS EEIG għandu jwettaq ix-xogħol li ġej:
 - (a) il-preparazzjoni tal-Aġenda ta' Riċerka Strateġika – li tiddefinixxi l-parti dwar il-kontenut xjentifiku tal-programm li tiffoka fuq is-sejthiet għall-proposti, konformi mal-għanijiet stabbiliti fis-Seba' Programm Kwadru;
 - (b) l-istabbiliment tal-Pjattaformi ta' Konsultazzjoni mal-Partijiet Interessati – bl-għan li jissaħħa u jiġi istituzzjonalizzat l-involviment tal-partijiet interessati mis-setturi kollha rilevanti;
 - (c) il-preparazzjoni tal-modalitajiet ta' implimentazzjoni inklużi r-regoli u l-proċeduri legali u finanzjarji, id-dispożizzjonijiet li jikkontrollaw id-drittijiet fuq il-proprjetà intellettuali li jqumu mill-attivitajiet ta' BONUS-169, ir-riżorsi umani u l-aspetti tal-komunikazzjoni.
4. Il-fażi ta' implimentazzjoni għandha ddum għal minimu ta' ħames snin. Matul il-fażi ta' implimentazzjoni mill-anqas tliet sejthiet għall-proposti għandhom jiġu ppubblikati bl-għan li jiġu ffinanzjati proġetti li jindirizzaw l-għanijiet ta' BONUS-169. Dawn is-sejthiet għandhom jimmiraw lejn proġetti bi sħab multipli u transnazzjonali u jinkludu attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku, taħriġ u disseminazzjoni. Għandhom jintgħażlu il-proġetti skont il-prinċipji tat-trattament ugwali, it-trasparenza, l-evalwazzjoni indipendenti, il-kofinanzjament, mingħajr profitt, il-finanzjament mhux kumulat ma' sorsi oħra tal-Komunità, kif ukoll il-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività.

Artikolu 3

Kondizzjonijiet għall-kontribuzzjoni tal-Komunità

1. Il-Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-fażi strateġika għandha tkun ta' sa EUR 1.25 miljun u tkun ugwali, fi ħdan dak il-limitu, għall-kontribuzzjoni tal-Istati Parteċipanti. L-impenn tal-Komunità biex tikkontribwixxi lill-fażi strateġika għandu jkun soġġett għal impenn ekwivalenti mill-Istati Parteċipanti.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-fażi ta' implimentazzjoni għandha tkun ta' sa EUR 48.75 miljun u tkun ugwali, fi ħdan dak il-limitu, għall-kontribuzzjoni tal-Istati Parteċipanti. Dan il-limitu jista' jiġi miżjud bi kwalunkwe ammont li jibqa' wara l-implimentazzjoni tal-fażi strateġika. Matul il-fażi ta' implimentazzjoni, sa 25% tal-kontribuzzjoni mill-Istati Parteċipanti jista' jikkonsisti mill-provvista ta' aċċess għal infrastruttura ta' riċerka (minn hawn 'il quddiem "kontribuzzjoni ta' infrastruttura in natura").
3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-fażi ta' implimentazzjoni għandha tingħata taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) evalwazzjoni pożittiva tal-fażi strateġika mwettqa mill-Kummissjoni bl-assistenza ta' esperti indipendenti; din l-evalwazzjoni għandha tkopri l-

progress li jsir lejn il-kisba tal-għanijiet u r-riżultati stabbiliti fl-Artikolu 2(3) u l-Anness I;

- (b) prova minn BONUS EEIG tal-kapaċità tiegħu li jimplementa l-BONUS-169 inkluż ir-riċeviment, l-allokazzjoni u l-monitoraġġ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità taħt ġestjoni ċentralizzata indiretta skont l-Artikoli 54(2)(c) u 56 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (minn hawn 'il quddiem "Regolament Finanzjarju") u l-Artikoli 35, 38(2) u 41 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002, u skont il-ġestjoni finanzjarja soda;
- (c) iż-żamma u l-applikazzjoni ta' mudell ta' governanza xieraq u effiċjenti għal BONUS-169 konformi mal-Anness II;
- (d) it-twertiq effiċjenti tal-attivitajiet relatati mal-fażi ta' implimentazzjoni ta' BONUS-169 stabbiliti fl-Anness I minn BONUS EEIG, li jikkonsistu mis-sejthiet għall-proposti għall-għoti ta' fondi;
- (e) impenn minn kull Stat li qed jipparteċipa li jikkontribwixxi s-sehem tiegħu tal-finanzjament ta' BONUS-169 u l-ħlas tal-flus u l-provvista effettiva ta' kontribuzzjoni ta' infrastruttura in natura meta din tiġi mitluba; dawn l-impenji għandhom ikun inklużi fi pjan ta' finanzjament mitfiehem bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sabiex jikkontribwixxu għat-twertiq konġunt tal-pjan ta' implimentazzjoni ta' BONUS-169;
- (f) il-konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat tal-Komunità, u b'mod partikolari mal-Qafas Komunitarju għall-Għajnuna Statali għar-Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni²²;
- (g) l-iżgurar ta' livell għoli ta' eċċellenza xjentifika, osservanza tal-prinċipji etiċi skont il-prinċipji ġenerali tad-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (minn hawn 'il quddiem is-"Seba' Programm Kwadru "), u żamma tal-prinċipji tal-integrazzjoni tal-ġeneru u l-ugwaljanza bejn is-sessi, u l-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli;

Artikolu 4

Parteċipazzjoni taċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka

1. Iċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka għandu jkun eliġibbli għall-finanzjament minn BONUS-169 taħt l-istess kondizzjonijiet bħal daww għall-entitajiet eliġibbli tal-Istati Parteċipanti.
2. Ir-riżorsi proprji taċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka, li mhumiex koperti mill-fondi ta' BONUS-169, m'għandhom ikunu kkunsidrati bħala parti mill-kontribuzzjoni tal-Komunità fi ħdan it-tifsir tal-Artikolu 1.

²² ĠU C 323, 30.12.2006, p. 1.

Artikolu 5
Ftehim bejn il-Komunità u l-BONUS EEIG

1. L-arranġamenti dettaljati għall-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità matul il-fażi strateġika għandhom ikunu stabbiliti fi ftehim dwar il-fondi li jrid jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità, u l-BONUS EEIG skont ir-regoli stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u fir-Regolament (KE) nru 1906/2006.
2. L-arranġamenti dettaljati għall-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet matul il-fażi ta' implimentazzjoni għandhom ikunu stabbiliti fi ftehim ta' implimentazzjoni u ftehimiet finanzjarji annwali li jridu jiġu konklużi bejn il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità u l-BONUS EEIG.

Il-ftehim ta' implimentazzjoni għandu b'mod partikolari jinkludi d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- (a) definizzjoni tax-xogħol delegat;
 - (b) stipulazzjoni għall-protezzjoni tal-fondi tal-Komunità;
 - (c) il-kondizzjonijiet u l-arranġamenti dettaljati għat-twettiq tax-xogħol, inklużi r-regoli tal-finanzjament u l-limiti massimi ta' finanzjament applikabbli għal proġetti BONUS-169, id-dispożizzjonijiet xierqa għad-demarkazzjoni tar-responsabbiltajiet u l-implimentazzjoni tal-kontrolli;
 - (d) regoli dwar ir-rappurtar lill-Kummissjoni dwar kif jitwettaq ix-xogħol;
 - (e) il-kondizzjonijiet li taħtom jieqaf it-twettiq tax-xogħol;
 - (f) arranġamenti dettaljati għall-iskrutinju tal-Kummissjoni;
 - (g) il-kondizzjonijiet li jikkontrollaw l-użu ta' kont tal-bank separat u t-trattament tal-imgħax li jirriżulta;
 - (h) dispożizzjonijiet li jiggarrantixxu l-viżibilità tal-azzjoni tal-Komunità relatata ma' attivitajiet oħra ta' BONUS EEIG;
 - (i) impenn li ma jsir l-ebda att li jista' jwassal għal kunflitt ta' interessi fi ħdan it-tifsir tal-Artikolu 52(2) tar-Regolament Finanzjarju;
 - (j) dispożizzjonijiet li jikkontrollaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' BONUS-169 kif imsemmi fl-Artikolu 2.
 - (k) il-kriterji li jridu jintużaw l-evalwazzjonijiet fl-interim u finali, inklużi dawk imsemmija fl-Artikolu 13.
3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni ex-ante tal-BONUS EEIG sabiex tikseb evidenza tal-eżistenza u l-operat proprja tal-proċeduri u s-sistemi msemmija fl-Artikolu 56 tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 6
Imġax iġġenerat mill-kontribuzzjonijiet

L-imġax iġġenerat mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji allokat lill-BONUS-169 għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul tal-BONUS EEIG u għandu jkun assenjat lill-BONUS-169.

Artikolu 7
Tnaqqis, żamma, jew tmiem tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità

Jekk BONUS-169 ma jgħix implimentat jew jiġi implimentat b'mod mhux xieraq, parzjalment jew tard, il-Komunità tista' tnaqqas, iżżomm jew ittemm il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha b'kunsiderazzjoni tal-progress fl-implimentazzjoni ta' BONUS-169.

Jekk l-Istati Parteċipanti ma jikkontribwixxux jew jikkontribwixxu biss parzjalment jew tard għall-finanzjament ta' BONUS-169, il-Komunità tista' tnaqqas il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha b'kunsiderazzjoni tal-ammont ta' finanzjament pubbliku allokat mill-Istati Parteċipanti taħt it-termini tal-ftehim dwar il-fondi msemmi fl-Artikolu 5(1).

Artikolu 8
Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet mill-Istati Parteċipanti

Fl-implimentazzjoni ta' BONUS-169, l-Istati Parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri leġislattivi, regolatorji, amministrattivi jew oħra neċessarji għall-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Komunitajiet. B'mod partikolari, l-Istati Parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw l-irkupru sħiħ ta' kwalunkwe ammonti dovuti lill-Komunità skont ir-Regolament Finanzjarju u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002.

Artikolu 9
Kontroll mill-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri

Il-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri għandha tkun intitolata twettaq il-verifiki u l-ispezzjonijiet kollha neċessarji għall-iżgurar tal-ġestjoni proprja tal-fondi tal-Komunità u għall-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Komunitajiet kontra kwalunkwe frodi jew irregolarità. Għal dan il-għan, l-Istati Parteċipanti u l-BONUS EEIG għandhom jagħmlu disponibbli d-dokumenti rilevanti kollha lill-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri

Artikolu 10
Informazzjoni reċiproka

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni kollha rilevanti lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Qorti tal-Awdituri. L-Istati Parteċipanti għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, permezz tal-BONUS EEIG, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali mitluba mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Qorti tal-Awdituri dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-BONUS EEIG.

Artikolu 11
Parteċipazzjoni ta' Stati Membri oħra u pajjiżi assoċjati

Kwalunkwe Stat Membru u kwalunkwe pajjiż assoċjat mas-Seba' Programm Kwadru jista' jipparteċipa f' BONUS-169 skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u 3 l-punti (e) u (f) tal-Artikolu 3(4). L-Istati Membri u l-pajjiżi li ngħaqdu ma' BONUS-169 għandhom ikunu kkunsidrati bħala Stati Parteċipanti għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 12
Parteċipazzjoni ta' pajjiżi oħra

L-Istati Parteċipanti u l-Kummissjoni jistgħu jiftehmu fuq il-parteċipazzjoni ta' kwalunkwe pajjiż ieħor soġġett għall-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u 3 punti (e) u (f) tal-Artikolu 3(4), sakemm din il-parteċipazzjoni jkollha l-qbil internazzjonali rilevanti.

L-Istati Parteċipanti u l-Kummissjoni għandhom jiddefinixxu l-kondizzjonijiet taħt liema l-persuni ġuridiċi stabbiliti jew residenti f'dawk il-pajjiż jistgħu jkunu eliġibbli għall-finanzjament ta' BONUS-169.

Artikolu 13
Rappurtar u evalwazzjoni annwali

Il-Kummissjoni għandha tinkludi rapport tal-attivitajiet ta' BONUS-169 fir-rapport annwali tas-Seba' Programm Kwadru ppreżentat lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill skont l-Artikolu 173 tat-Trattat.

Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim ta' BONUS-169 mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014. Din l-evalwazzjoni għandha tkopri l-progress lejn l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 u l-Anness I, kif ukoll rakkomandazzjonijiet ta' BONUS-169 dwar il-modi l-aktar xierqa għat-titjib tal-integrazzjoni u l-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni, inkluża l-integrazzjoni xjentifika, tal-ġestjoni u finanzjarja u jekk il-livell tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Parteċipanti huwiex xieraq, meta wieħed jikkunsidra d-domanda potenzjali mill-komunitajiet ta' riċerka nazzjonali.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet ta' dan, akkompanjati mill-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Fi tmiem tal-parteċipazzjoni tal-Komunità f' BONUS-169 iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha tmexxi evalwazzjoni finali ta' BONUS-169. Il-Kummissjoni għandha tissottometti r-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Artikolu 14
Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 15

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*F'isem il-Parlament Ewropew
Il-President*

*F'isem il-Kunsill
Il-President*

ANNEX I

Għanijiet u implimentazzjoni ta' BONUS-169

1. GħANIJIET TA' BONUS-169

BONUS-169 għandu jtejjeb il-kapaċità tar-riċerka tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku sabiex jappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' regolamenti, politiki u prattiki ta' ġestjoni orjentati lejn ekosistemi 'b'saħħithom għall-użu tagħhom', sabiex ikun hemm reazzjoni effettiva lejn l-isfidi ambjentali kbar u soċjali importanti li r-reġjun tiffaċċja u għandha tiffaċċja fis-snin li ġejjin, u titjib tal-effiċjenza u l-effettività tal-programmi ta' riċerka ambjentali frammentati tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, u approċċ permezz tal-integrazzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka fil-Baħar Baltiku fi programm multinazzjonali integrat u ffukat sew li huwa durabbli, kooperattiv u interdixxiplinari.

Din l-inizjattiva għandha tikkontribwixxi wkoll għall-istabbiliment u l-istrutturazzjoni tal-ERA fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku.

Sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet huwa neċessarju li jittejjbu l-effiċjenza u l-effettività tal-iprogrammar frammentat tar-riċerka ambjentali tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku billi l-attivitajiet ta' riċerka jiġu integrati fi programm multinazzjonali integrat u ffukat sew li huwa durabbli, kooperattiv u interdixxiplinari li jsostni l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun. Għal dan il-għan l-inizjattiva BONUS-169 għandha:

- a) tistabilixxi Aġendi ta' Riċerka Strateġiċi bbażati fuq il-politika
- b) iżżid il-koordinazzjoni u l-integrazzjoni transfruntieri u transettorjali sostenibbli tal-programmi ta' riċerka pubbliċi
- c) iżżid il-livell tal-kapaċità ta' riċerka tal-Istati Baltiċi tal-UE ġodda
- d) tistabilixxi Pjattaformi ta' Konsultazzjoni mal-Partijiet Interessati xierqa inkluża r-rappreżentazzjoni mis-setturi kollha rilevanti
- e) timmobilizza riżorsi finanzjarji addizzjonali mill-kollaborazzjoni settorjali u mtejjba fir-riċerka tas-sistema tal-Baħar Baltiku
- f) tistabilixxi Modalitajiet ta' Implimentazzjoni xierqa li jippermettu l-implimentazzjoni effettiva tal-programm permezz ta' struttura ta' entitajiet u governanza legali b'ġestjoni konġunta
- g) tibda mill-anqas tliet sejħiet għal proposti konġunti transtematici, iffukati strateġikament u bi sħab multipli

2 FAŻI STRATEĠIKA

2.1 Għan

Il-fażi strateġika għandha tipprepara l-fażi ta' implimentazzjoni. Din għandha tittratta mal-iżvilupp strateġiku tal-programm biex tiżgura li tinkiseb l-aħjar integrazzjoni tar-riċerka tal-

Baħar Baltiku. Din għandha tfittex li ssaħħaħ l-involviment tal-partijiet interessati u l-gruppi ta' utenti biex tiżgura li r-riċerka tkun rilevanti għall-politika u l-ġestjoni, u li l-prijoritizzazzjoni tat-temi ta' riċerka tkun ibbażata fuq il-bżonnijiet politiċi u li jiġi mfittex l-involviment sħiħ tax-xjentisti u l-istituzzjonijiet ta' riċerka rispettivi tagħhom kif ukoll komunitajiet ta' partijiet interessati usa'.

2.2 Riżultati

Il-BONUS EEIG għandu jibgħat lill-Kummissjoni r-riżultati stabbiliti fil-paragrafi li ġejjin mhux aktar tard minn 18-il xahar mill-bidu tal-fażi strateġika.

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi pariri u assistenza fuq it-talba tal-BONUS EEIG matul il-preparazzjoni ta' dawn ir-riżultati. Il-BONUS EEIG għandu jirrapporta dwar il-progress fuq it-talba tal-Kummissjoni.

2.2.1 L-Aġenda ta' Riċerka Strateġika

L-Aġenda ta' Riċerka Strateġika għandha tiġi żviluppata u miftehma fil-konsultazzjoni fost l-Istati Parteċipanti, firxa wiesgħa ta' partijiet interessati u l-Kummissjoni. Din għandha tkun il-bażi għal programm ibbażat fuq il-politika. Din għanda twessa' l-attenzjoni tar-riċerka biex tinkorpora, flimkien mal-ekosistema tal-baħar, approċċ tal-baċini li jindirizza l-kwistjonijiet l-aktar importanti li jaffettwaw il-kwalità u l-produttività tal-ekosistemi tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku.

Din għandha tinkludi deskrizzjoni tar-riċerka tal-Baħar Baltiku ta' bażi u l-aktar avvanzata, tipprovdi viżjoni strateġika ċara u pjan ta' rotta dwar kif jinkisbu l-għanijiet dikjarati u tistabilixxi s-suġġetti tas-sejħiet ibbażati fuq il-politika, il-baġits tagħhom, id-dati tal-pubblikazzjoni u t-tul mistenni tal-proġetti. Barra minn hekk, din għandha tinkludi miżuri li jindirizzaw l-bżonnijiet ta' riċerka li jqumu, tavvanza l-integrazzjoni pan-Baltika tar-riċerka, u tinkludi pjan ta' rotta konġunt għall-użu kondiviż fi u l-ippjanar potenzjali ta' investimenti futuri fil-kapaċitajiet tal-infrastruttura reġjonali.

2.2.2 Il-Pjattaformi ta' Konsultazzjoni mal-Partijiet Interessati

Fuq il-bażi ta' analiżi komprensiva tal-partijiet interessati rilevanti ta' BONUS-169 fil-kuntesti lokali, nazzjonali, reġjonali, u Ewropej, il-Pjattaformi ta' Konsultazzjoni mal-Partijiet Interessati u l-mekkaniżmi tagħhom għandhom ikunu stabbiliti bl-għan li jsaħħu u jistituzzjonalizzaw l-involviment tal-partijiet interessati mis-setturi rilevanti kollha għall-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet kritiċi, il-prijoritizzazzjoni tat-temi ta' riċerka u t-titjib tal-integrazzjoni tar-riżultati tar-riċerka. Dan għandu jinkludi l-parteċipazzjoni ta' xjentisti, inklużi dawk minn xjenzi naturali mhux tal-baħar rilevanti u mid-dixxiplini tax-xjenzi soċjali u ekonomiċi, li tiżgura l-multidixxiplinarità meħtieġa fl-iżvilupp tal-Aġenda ta' Riċerka Strateġika, il-viżjoni strateġika u l-prijoritajiet ta' riċerka tagħha.

Forum ta' Riċerka Settorjali (korp ta' rappreżentanti minn ministeri u atturi oħra li jittrattaw mar-riċerka u l-governanza tas-Sistema tal-Baħar Baltiku) għandu jkun stabbilit bħala korp permanenti għas-sostenn tal-programmi responsabbli biex jitħaddet l-ippjanar, ir-riżultati u l-bżonnijiet ta' riċerka li jqumu tal-programmi mill-fehma tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Dan il-forum għandu jiffaċilita u javvanza l-integrazzjoni pan-Baltika tar-riċerka, inkluż l-użu konġunt u l-ippjanar tal-kapaċitajiet tal-infrastruttura, jassisti fl-enfasizzar tal-bżonnijiet ta' riċerka, javvanza l-użu tar-riżultati tar-riċerka, u jiffaċilita l-integrazzjoni tal-fondi tar-riċerka.

2.2.3 Il-Modalitajiet ta' Implimentazzjoni

Il-Modalitajiet ta' Implimentazzjoni għandhom jinkludu l-aspetti kollha li jiżguraw l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Aġenda ta' Riċerka Strateġika. Dawn għandhom, fejn xieraq, isegwu r-regoli tas-Seba' Programm Kwadru. Dawn għandhom jikkonsistu, fost affarijiet oħrajn, mill-elementi li ġejjin:

- a) l-adozzjoni ta' miżuri (abbozzar ta' dokumenti, stabbiliment ta' proċeduri, reklutaġġ u taħriġ ta' personal) meħtieġa bir-Regolament Finanzjarju għall-ġestjoni ċentralizzata indiretta;
- b) il-kisba ta' impenji formali tal-Istati Parteċipanti li jammontaw għal mill-anqas EUR 48.75 miljun liema fosthom massimu ta' 25% jkun fil-forma ta' kontribuzzjoni ta' infrastruttura in natura;
- c) il-provvista ta' stima realistika u bbażata fuq evidenza tal-valur tal-kontribuzzjoni ta' infrastruttura in natura tal-Istati Parteċipanti li tikkonsisti fl-użu tal-infrastruttura tagħhom mill-benefiċjarji ta' BONUS-169;
- d) il-kompilazzjoni ta' lista kompluta tal-infrastrutturi kollha, inklużi l-kuntatti tas-sidien tagħhom, l-operaturi jew awtoritajiet oħra responsabbli, u l-ippubblikar u l-aġġornament tagħha kull meta neċessarju;
- e) l-iżgurar li jsir ftehim dwar modalitajiet ta' implimentazzjoni komuni u li dawn ikunu eżistenti għall-ftehimiet dwar il-fondi mal-benefiċjarji tal-BONUS-169, li jridu jiġu konklużi b'mod ċentrali mill-BONUS EEIG, inklużi regoli komuni u miftehma għall-parteeipazzjoni, mudell ta' ftehim dwar il-fondi, linji gwida għall-applikanti, il-parteeipanti u l-evalwaturi indipendenti, u modalitajiet għall-verifika tal-benefiċjarji, inkluża l-possibbiltà li l-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri jwettqu t-tali verifiki;
- f) l-iżvilupp ta' struttura ta' governanza xierqa għall-ġestjoni tal-programm fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett;
- g) l-iżgurar li l-finanzjament xieraq jiġi pprovdut biex isaħħaħ il-BONUS EEIG fit-termini tar-riżorsi umani u l-esperjenza professjonali multidixxiplinari li jippermettuh isostni l-aspetti strateġiċi kif ukoll l-implimentazzjoni effiċjenti tal-programm
- h) l-iżvilupp ta' struttura ta' finanzjament għall-finanzjament ta' proġetti BONUS-169 ibbażata fuq grupp ta' fondi li jikkonsisti minn kontribuzzjonijiet ta' flus tal-Istati Parteċipanti u tal-Komunità;
- i) l-iżvilupp ta' strateġija ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni li, safejn possibbli, tiżgura li r-riżultati u d-dejta jsegwu l-istandards tan-Netwerk Ewropew ta' Osservazzjoni u Dejta tal-Ibħra.

Fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet ta' infrastruttura in natura, għandhom jiġu żviluppati approċċ u regoli speċifiċi matul il-fażi strateġika fejn l-Istati Parteċipanti jikkomettu ruħhom biex jipprovdu lill-benefiċjarji ta' BONUS-169 b'aċċess għal u l-użu ta' infrastruttura (notevolment vapuri tar-riċerka) mingħajr ħlas. L-ispejjeż għall-użu tat-tali infrastruttura m'għandhomx ikunu spejjeż eliġibbli tal-proġett. F'dan ir-rigward, il-BONUS EEIG għandu

jikkonkludi l-ftehimiet rilevanti mal-Istati Parteċipanti jew is-sidien tal-infrastruttura, li għandhom:

- a) jiddefinixxu l-metodoloġija għall-evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet ta' infrastruttura in natura;
- b) jiżguraw li l-BONUS EEIG, il-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri jkunu jistgħu jivverifikaw l-aċċess għal u l-użu tal-infrastruttura u l-ispejjeż li jqumu minn dawn;
- c) jistipulaw li l-partijiet kuntrattati għandhom jirrapportaw annwalment dwar l-ispejjeż li jqumu fil-provvista tal-aċċess għal jew l-użu tal-infrastruttura lill-benefiċjarji ta' BONUS-169.

2.2.4 Finanzjament tal-Komunità tal-Fażi Strateġika

L-ispejjeż eliġibbli għandhom jitħallsu lura sa 50% u għandhom ikunu daww l-ispejjeż attwali li jeħel il-BONUS EEIG u rreġistrati fil-kontabilità tiegħu neċessarja għas-sodisfazzjoni tal-għan identifikat fil-punt 1. L-ispejjeż jistgħu jkunu eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2010 u għandhom jiġu definiti aħjar fil-Ftehim dwar il-Fondi għall-fażi strateġika.

3. Fażi ta' Implimentazzjoni

Sakemm ir-riżultati tal-evalwazzjoni u l-verifika ex-ante tal-BONUS EEIG ikunu pozzittivi, il-Kummissjoni u l-BONUS EEIG għandhom jikkonkludu l-Ftehim ta' Implimentazzjoni.

3.1. Għanijiet

Matul il-fażi ta' implimentazzjoni, mill-anqas tliet sejħiet konġunti għall-proposti għandhom ikunu pubblikati u implimentati bil-għan li jiġu ffinanzjati proġetti tal-BONUS-169 b'miri strateġiċi li jindirizzaw l-għanijiet tal-inizjattiva. Is-suġġetti għandhom joriġinaw mill-Aġenda ta' Riċerka Strateġika tal-BONUS-169, jirrispettaw kemm jista' jkun possibbli il-pjan ta' rotta stabbilit u jkopru attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku, u taħriġ u/jew disseminazzjoni.

3.2. Implimentazzjoni tal-Proġetti BONUS-169

Is-sejħiet ta' BONUS-169 għandhom jiġu implimentati permezz ta' proġetti transnazzjonali bi sħab multipli li jinvolvu mill-anqas tliet entitajiet legali eliġibbli indipendenti minn tliet Stati Membri differenti jew pajjiżi assoċjati, li mill-anqas tnejn minnhom għandhom ikunu minn Stati Parteċipanti tal-BONUS-169.

Entitajiet legali mill-Istati membri u l-pajjiżi assoċjati jistgħu jirċievu l-fondi ta' BONUS-169. Kwalunkwe konsorzju li jissottometti proposta għal proġett BONUS-169 jista' jinkludi parteċipanti minn Stat mhux Membru sakemm jista' jiżgura b'mod realistiku li għandu r-riżorsi meħtieġa biex ikopri bi sħiħ l-ispejjeż għall-parteċipazzjoni tiegħu. L-għoti tal-fondi BONUS lil parteċipant bħal dan jista' jiġi ġustifikat individwalment jekk il-kontribuzzjoni tiegħu lill-proġett hija assolutament essenzjali għas-suċċess tal-proġett.

Kull sejhja għal proposti għandha tindika b'mod ċar is-suġġetti xjentifiċi. Dawn is-suġġetti għandhom ikunu identifikati mill-BONUS EEIG b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Meta jkunu qed jiġu identifikati s-suġġetti, dawn għandhom jikkunsidraw il-bżonnijiet li jqumu, ir-riżultati u l-effetti tas-sejħiet implimentati preċedentement matul il-fażi strateġika u matul il-programm.

Il-BONUS EEIG għandu jippubblika fuq medda wiesgħa kemm jista' jkun is-sejħa għall-proposti bl-użu tal-appoġġ ta' informazzjoni speċifika, b'mod partikolari siti tal-Internet dwar is-Seba' Programm Kwadru u li jindirizzaw il-partijiet interessati kollha rilevanti, midja speċjalizzata u opuskoli. Is-sejħa għandha tibqa miftuħa mill-anqas għal tliet xhur. Il-proġetti proposti għandhom jiġu sottomessi mill-applikanti b'mod ċentrali lill-BONUS EEIG bħala tweġiba għas-sejħa u fi proċedura tal-evalwazzjoni ta' stadju wieħed.

Il-proġetti proposti għandhom jiġu evalwati u magħżula b'mod ċentrali fuq il-bażi ta' reviżjoni indipendenti kontra kriterji definiti ta' eliġibilità u ta' għażla u għoti ta' fondi. Il-kriterji ta' evalwazzjoni prinċipali huma l-eċċellenza xjentifika, il-kwalità tal-implimentazzjoni u l-impatt mistenni mill-proġetti. Is-sejħa għall-proposti għandha tikkonkretizza l-kriterji ta' evalwazzjoni prinċipali. Jistgħu jiġu introdotti kriterji addizzjonali sakemm jiġu ppubblikat fis-sejħa għall-proposti, mhumiex diskriminatorji u ma jirbħux fuq il-kriterji ta' evalwazzjoni prinċipali.

Il-BONUS EEIG għandu jiżgura li kull proposta li jirċievi tiġi evalwata bl-assistenza ta' mill-anqas tliet esperti indipendenti appuntati minnu fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1906/2006. Kull proposta ta' proġett għandha tiġi klassifikata. L-esperti indipendenti għandhom jeżaminaw il-proġetti kontra l-kriterji ta' evalwazzjoni u jagħtuwhom punteġġ fuq skala minn 0 sa 5 kull kriterju skont ir-regoli għas-sottomissjoni tal-proposti, u l-proċeduri relatati ta' evalwazzjoni, għażla u għoti tas-Seba' Programm Kwadru.

Il-BONUS EEIG għandu jistabbilixxi lista ta' fondi strettament skont ir-riżultat tal-evalwazzjoni indipendenti. Il-lista tal-klassifika stabbilita mill-esperti indipendenti għandha titqies li torbot għall-allokkazzjoni tal-fondi BONUS-169.

Il-ġestjoni amministrativa tal-fondi mogħtija lill-proġetti BONUS-169 magħżula għandha tiġi ttrattata b'mod ċentrali taħt ir-responsabbiltà tal-BONUS EEIG.

3.3. Aktar attivitajiet

Minbarra l-ġestjoni tal-BONUS-169 stabbilita fil-punti 3.1 u 3.2., il-BONUS EEIG għandu jimpenja ruħu wkoll fl-attivitajiet li ġejjin:

- a) l-aġġornament regolari tal-Aġenda ta' Riċerka Strateġika u l-prijoritizzazzjoni tat-temi ta' riċerka b'kunsiderazzjoni tal-bżonnijiet li jqumu u r-riżultati u l-effetti tas-sejħa implimentati qabel u fuq il-bażi ta' proċeduri ta' konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati msemmija fil-punt 2.2.2;
- b) il-faċilitazzjoni tal-aċċess lil tims ta' riċerka transnazzjonali u multidixxiplinari minn proġetti ffinanzjati tal-BONUS-169 għal infrastrutturi u faċilitajiet tar-riċerka uniċi;
- c) il-promozzjoni tal-konnessjoni effettiva bejn ix-xjenza u l-politika biex jiġi żgurat l-aħjar użu tar-riżultati tar-riċerka;
- d) l-iżgurar ta' fondi mill-Istati Parteċipanti li għandhom jiżguraw is-sostenibilità tal-inizjattiva mingħajr il-fondi tal-Komunità fil-perjodu ta' wara l-BONUS-169;
- e) iż-żieda fil-kollaborazzjoni bejn il-programmi ta' riċerka ambjentali reġjonali bil-komunitajiet tax-xjenza rilevanti f'baċini tal-baħar oħra Ewropej;
- f) attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' disseminazzjoni.

- g) il-BONUS EEIG għandu jimpenja ruħu b'mod proattiv biex jaqsam l-aħjar prassi ma' baċini tal-baħar reġionali oħra Ewropej, kif ukoll jartikola sew lil-livell pan-Ewropew sabiex jiżgura l-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni.

3.4. Kontribuzzjonijiet matul il-Fażi ta' Implimentazzjoni

Il-fażi ta' implimentazzjoni tal-BONUS-169 hija kofinanzjata mill-Istati Parteċipanti u l-Komunità fuq perjodu minimu ta' ħames snin sakemm iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-proġetti kollha ffinanzjati tal-BONUS-169 jingħalqu, sakemm l-impenji mill-Komunità jkunu twettqu sal-2013 u l-obbligazzjonijiet kollha li jridu jiġu rapportati lill-Kummissjoni jiġu sodisfatti. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità matul il-fażi ta' implimentazzjoni għandha tkun ugwali għall-kontribuzzjonijiet tal-flus u ta' infrastruttura in natura tal-Istati Parteċipanti tal-proġetti BONUS-169 li jsiru permezz tal-BONUS EEIG kif ukoll l-ispejjeż tal-operat li jeħel il-BONUS EEIG fil-fażi ta' implimentazzjoni. Dawn l-ispejjeż tal-operat ma jistgħux jaqbu l-EUR 5 miljun.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità u l-kontribuzzjoni tal-flus tal-Istati Parteċipanti lill-BONUS-169 għandhom jiġu ppuljati u amministrati b'mod ċentrali mill-BONUS EEIG.

Soġġetta għall-kondizzjonijiet miftehma fil-ftehimiet finanzjarji annwali msemmija fl-Artikolu 5(2), il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha titħallas fuq il-bażi ta' evidenza ta' ħlas tal-kontribuzzjoni tal-flus tal-Istati Parteċipanti lill-BONUS EEIG u l-provvista ta' kontribuzzjonijiet ta' infrastruttura in natura għal proġetti BONUS-169.

L-użu proprju tal-fondi tal-BONUS-169 mill-benefiċjarji hija r-responsabbiltà tal-BONUS EEIG, u għandha tiġi stabbilita minn verifika finanzjarja indipendenti li għandha titwettaq mill-BONUS EEIG, jew f'ismu.

3.5. Finanzjament tal-Proġetti BONUS-169

Soġġett għall-punt (f) tal-Artikolu 3(3), il-finanzjament tal-proġetti BONUS-169 għandu jkopri sa 100% tal-ispejjeż eliġibbli li għandhom jiġu kalkulati skont ir-regoli tal-fondi komuni u r-rati tal-fondi komuni, kif stabbilit mill-BONUS EEIG fil-Modalitajiet ta' Implimentazzjoni u approvat mill-Kummissjoni fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni.

ANNEX II

Governanza tal-BONUS-169

1. Il-BONUS-169 għandu jiġi ġestit mill-BONUS EEIG permezz tas-Segretarjat tiegħu. BONUS EEIG għandu jistabbilixxi l-istrutturi li ġejjin għall-finijiet tal-BONUS-169: il-Kumitat ta' Tmexxija, is-Segretarjat, il-Bord Konsultattiv, il-Forum tar-Riċerka Settorjali, u l-Forum għall-Koordinaturi tal-Proġett.

2. **Il-Kumitat ta' Tmexxija** għandu jkun l-ogħla awtorità tal-BONUS EEIG, jiffirma l-korp tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu u l-bord li jikkontrolla s-segretarjat tiegħu. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jkun magħmul minn uffiċjali anzjani tal-istituzzjonijiet ta' finanzjament u ġestjoni tar-riċerka appuntati mill-membri tal-BONUS EEIG. Dan għandu jkun presjedut minn Chairperson, pożizzjoni li għandha tinbidel annwalment fost il-membri tal-BONUS EEIG. Iċ-Chairpersons ta' qabel, kurrenti u tal-futur għandhom jiffurmaw Task Force ta' Strateġija li tsostni lis-Segretarjat fi kwistjonijiet ta' importanza strateġika. Fuq il-bażi tal-proposti mis-Segretarjat, il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jiddeċiedi dwar l-orjentazzjoni strateġika tal-BONUS-169, inklużi d-deċiżjonijiet dwar id-definizzjoni u l-aġġornament tal-BONUS-169, dwar l-ippjanar tas-sejħa għall-proposti, dwar il-profil tal-baġit, dwar il-kriterji ta' eliġibilità u għażla, dwar il-grupp ta' evalwaturi, dwar l-approvazzjoni tal-lista ta' klassifikazzjoni tal-proġetti BONUS-169 li jridu jiġu ffinanzjati, dwar il-monitoraġġ tal-progress tal-proġetti BONUS-169 ffinanzjati u dwar is-superviżjoni tax-xogħol xieraq u ordnat tas-Segretarjat li għandu x'jaqsam mal-BONUS-169.

3. **Is-Segretarjat** għandu jkollu bħala kap id-Direttur Eżekuttiv li għandu jimplementa d-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija u għandu jaġixxi bħala r-rappreżentant prinċipali tal-BONUS-169 kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għad-diversi aġenziji ta' finanzjament nazzjonali. Is-Segretarjat għandu jkun responsabbli għall-koordinazzjoni ġenerali u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-BONUS-169, il-pubblikazzjoni, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tas-sejħiet u l-monitoraġġ tal-proġetti ffinanzjati, kemm mill-fehma kuntrattwali kif ukoll xjentifika u għar-rapportaġġ dwar il-progress lill-Kumitat ta' Tmexxija. Dan għandu jkun responsabbli wkoll għall-ippjanar u l-organizzazzjoni tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati u l-Bord Konsultattiv u l-integrazzjoni u s-simplifikazzjoni sussegwenti tagħhom fl-Aġenda ta' Riċerka Strateġika u l-promozzjoni ta' konnessjonijiet effettivi bejn ix-xjenza u l-politika.

4. **Il-Bord Konsultattiv** għandu jassisti lill-Kumitat ta' Tmexxija u lis-Segretarjat. Dan għandu jkun magħmul minn xjentisti ta' reputazzjoni internazzjonali għolja, rappreżentanti tal-partijiet interessanti rilevanti, inklużi, pereżempju, fornituri tat-turiżmu, enerġiji rinnovabbli, sajd u akkwakultura, trasport marittimu, bijoteknoloġija u teknoloġija u inklużi kemm organizzazzjonijiet tal-industirja u tas-soċjetà ċivili b'interess f'dawn is-setturi, programmi oħra ta' riċerka Baltika integrati u ibħra reġjonali oħra Ewropej. Dan għandu jipprovdi pariri, gwida u rakkomandazzjonijiet indipendenti, fir-rigward ta' kwistjonijiet xjentifiċi u relatati mal-politika tal-BONUS-169. Dan jinkludi pariri dwar l-għanijiet, il-prijoritajiet u d-direzzjoni tal-BONUS-169 u l-kunsinna u l-kwalità tar-riżultati tar-riċerka tiegħu, il-bini tal-kapaċitajiet, in-netwerking, u r-rilevanza tax-xogħol għall-kisba tal-għanijiet tal-BONUS-169. Dan għandu jassisti wkoll fl-użu u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-BONUS-169.

5. **Il-Forum tas-Riċerka Settorjali** għandu jkun magħmul minn rappreżentanti mill-ministeri u atturi oħra li jittrattaw mar-riċerka u l-governanza tas-Sistema tal-Baħar Baltiku. Dan

għandu jiltaqa' darba fis-sena bħala laqgħa ta' konsultazzjoni li tiddiskuti r-risultati tal-BONUS-169 u l-bżonnijiet ta' riċerka li jkunu mill-perspettiva tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Dan għandu jservi bħala l-forum għall-avvanzament tal-integrazzjoni pan-Baltika tar-riċerka, inkluża r-riċerka finanzjata settorjalment rilevanti u l-użu u l-ippjanar tal-infrastrutturi konġunti.

6. Il-Forum tal-Koordinaturi tal-Proġetti għandu jkun magħmul minn koordinaturi ta' proġetti ffinanzjati permezz tal-BONUS-169. Dan għandu jassisti lis-Segretarjat fi kwistjonijiet li jitrattaw mal-koordinazzjoni xjentifika tal-BONUS-169 u l-integrazzjoni u s-sinteżi tar-risultati tar-riċerka.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠISLATTIVA

1. ISEM TAL-PROPOSTA:

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-Programm ta' Riċerka Konġunt tal-Baħar Baltiku BONUS-169, li huma impenjati fih diversi Stati Membri.

2. KWADRU ABM/ ABB

Il-Qasam/L-Oqsma tal-Politika konċernat/i u l-Attività/Attivitajiet assoċjati: Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku: Seba' Programm Kwadru, Artikolu 169 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

3. LINJI TAL-BAĠIT

3.1. Il-linji tal-baġit (linji tal-operat u l-linji ta' assistenza teknika u amministrattiva relatati (eż- linji B..A)) inklużi l-intestaturi:

Għall-Kontribuzzjoni tal-2010 mid-DĠ RTD għall-fażi strateġika huma dawk li ġejjin:

	Denominazzjoni	Linja	2010 (%)	2010 (€)
RTD	Kooperazzjoni - Ambjent (inkluż Tibdil fil-Klima)	08 06 01	100%	1,250,000.00 €
RTD	Kooperazzjoni – Ikel, Agrikoltura u Sajd, u Bijoteknoloġija	08 03 01	0%	0.00 €
RTD	Kooperazzjoni – Enerġija	08 05 01	0%	0.00 €
RTD	Kooperazzjoni - Trasport (inkluż l-Ajrunawtika)	08 07 01	0%	0.00 €
RTD	Kooperazzjoni – Xjenzi Soċjo-ekonomiċi u l-Istudji Umanistiċi	08 08 01	0%	0.00 €
TOTAL			<u>100%</u>	<u>1,250,000.00 €</u>

**Mill-2012, il-kontribuzzjoni mid-DĠ DG RTD pro rata għall-Fażi ta' Implimentazzjoni
hija kif ġej:**

	Denominazzjoni	Linja	2012- 2013 %
RTD	Kooperazzjoni - Ambjent (inkluż Tibdil fil-Klima)	08 06 01	35%
RTD	Kooperazzjoni – Ikel, Agrikoltura u Sajd, u Bijoteknoloġija	08 03 01	20%
RTD	Kooperazzjoni – Enerġija	08 05 01	15%
RTD	Kooperazzjoni - Trasport (inkluż l-Ajrunawtika)	08 07 01	15%
RTD	Kooperazzjoni – Xjenzi Soċjo-ekonomiċi u l-Istudji Umanistiċi	08 08 01	15%
TOTAL			<u>100%</u>

	Linja	2012- 2013 %	2012 (€)	2013 (€)	Totali 2012-2013(€)
RTD	08 06 01	35%	5,862,500.00	11,200,000.00	17,062,500.00
RTD	08 03 01	20%	3,350,000.00	6,400,000.00	9,750,000.00
RTD	08 05 01	15%	2,512,500.00	4,800,000.00	7,312,500.00
RTD	08 07 01	15%	2,512,500.00	4,800,000.00	7,312,500.00
RTD	08 08 01	15%	2,512,500.00	4,800,000.00	7,312,500.00
TOTAL		<u>100%</u>	<u>16,750,000.00</u>	<u>32,000,000.00</u>	<u>48,750,000.00</u>

3.2. Tul tal-azzjoni u tal-impatt finanzjarju:

Il-kontribuzzjoni tal-Komunità lill-Programm Konġunt BONUS-169 hija mistennija li tiġi stabbilita permezz ta' kodeċizzjoni tal-Kunsill u l-Parlament fl-2010 għal perjodu inizjali sal-31 ta' Diċembru 2016.

3.3. Karatteristiċi tal-baġit:

Impenji fuq aktar minn waħda mil-linji li ġejjin mill-2010:

Linja tal-baġit	Tip ta' nfiq		Ġdid	Kontribuzzjoni tal-EFTA	Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti	Intestatura fil-perspettiv finanzjarju
08 06 01	Mhux obbligatorju	Differenzjat	LE	IVA	IVA	N° [1A]
08 03 01	Mhux obbligatorju	Differenzjat	LE	IVA	IVA	N° [1A]
08 05 01	Mhux obbligatorju	Differenzjat	LE	IVA	IVA	N° [1A]
08 07 01	Mhux obbligatorju	Differenzjat	LE	IVA	IVA	N° [1A]
08 08 01	Mhux obbligatorju	Differenzjat	LE	IVA	IVA	N° [1A]

4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

4.1. Riżorsi Finanzjarji

Il-figuri kollha f' din id-dikjarazzjoni huwa indikattivi u preżentati f'valuri kostanti,

4.1.1. Sommarju tal-Appropriazzjonijiet għall-Impenji (AI) u l-Appropriazzjonijiet għall-Ħlasijiet(PA)

Miljun EUR (sa 3 postijiet deċimali)

Tip ta' Nfiq	Sezzjoni nru	2010	2011	2012	2013	2014 u wara	Total
--------------	--------------	------	------	------	------	-------------	-------

Nfiq tal-operat

Appropriazzjonijiet Impenji (AI)	għall-8.1.	a	1.250	0.000	16.750	32.000	0.000	50.000
Appropriazzjonijiet Ħlasijiet(AH)		b	1.000	0.250	5.584	12.874	30.292	50.000

Nfiq amministrattiv fi ħdan l-ammont ta' referenza

Assistenza teknika & amministrattiva (NDA)	8.2.4.	c	0	0	0	0	0	0
--	--------	---	---	---	---	---	---	---

AMMONT TA' REFERENZA TOTALI

Appropriazzjonijiet ta' Impenn		a+c	1.250	0.000	16.750	32.000	0.000	50.000
Appropriazzjonijiet ta' Ħlas		b+c	1.000	0.250	5.584	12.874	30.292	50.000

Nefqa amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza²³

Riżorsi umani u nfiq assoċjati (NDA)	8.2.5.	d	0.122	0.183	0.183	0.183	0.000	0.671
Spejjeż amministrattivi minbarra spejjeż tar-riżorsi umani u dawk assoċjati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	8.2.6.	e	0.008	0.040	0.015	0.045	0.000	0.108

Total ta' spejjeż finanzjarji indikativi tal-intervenzjoni

AI TOTALI inklużi l-ispejjeż tar-Riżorsi Umani		a+c+d+e	1.380	0.223	16.948	32.228	0.000	50.779
AH TOTALI inklużi l-ispejjeż tar-Riżorsi Umani		b+c+d+e	1.130	0.473	5.782	13.102	30.292	50.779

Detalji tal-kofinanzjament

(i) Livell tal-programm

Skont din id-Deċiżjoni, il-BONUS-169 għandu jiġi implimentat f'żewġ fażijiet distinti: fażi strateġika inizjali, li ddum sentejn; u fażi ta' implimentazzjoni, ta' minimu ta' 5 snin. Il-bidu tal-fażi ta' implimentazzjoni għandha tkun soġġetta għad-deċiżjoni mill-Kummissjoni wara verifika u evalwazzjoni ex ante pożittiva tal-fażi strateġika dwar il-maturità u l-prontezza tal-inizjattiva wara l-fażi strateġika.

Il-Komunità Ewropea għandha tagħti kontribuzzjoni li hija ugwali għall-kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteċipanti eliġibbli sa massimu ta' EUR 50 miljun li għib il-baġit mistenni totali għall-inizjattiva għal EUR 100 miljun. Il-kontribuzzjonijiet tal-flus tal-Istati Parteċipanti u l-kontribuzzjoni tal-Komunità għandhom ikunu amministrati bħala fond komuni proprju.

Il-fażi strateġika għandha tkun implimentata b'fond skont ir-regoli stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-fażi strateġika għandha tkun ugwali għal dik tal-Istati Parteċipanti sa EUR 1.25 miljun.

Il-fażi ta' implimentazzjoni għandha tkun implimentata b'għestjoni ċentralizzata indiretta, skont id-dispożizzjonijiet tal-Art. 54(2) (c) tar-Regolament Finanzjarju u skont ir-regoli stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-fażi ta' implimentazzjoni għandha tkun ugwali għal dik tal-Istati Parteċipanti sa EUR 48.75 milljun. Dan il-limitu jista' jiġi miżjud b'dak li jifdal mill-kontribuzzjoni tal-fażi strateġika. Għall-fażi ta' implimentazzjoni, sa 25% tal-kontribuzzjoni tal-Istati

²³ L-ammont ta' referenza huwa l-kontribuzzjoni tal-Komunità lill-BONUS-169.

Parteċipanti tista' tikkonsisti mill-provvista ta' aċċess għal infrastrutturi ta' riċerka ("kontribuzzjoni ta' infrastruttura in natura"). Il-kontribuzzjoni tal-KE għandha tkun impenjata mill-2010 sal-2013 inkluża. L-ebda impenn ġdid mill-Kummissjoni m'għandu jsir wara l-2013. L-ispejjeż tal-operat tad-DIS matul il-fażi ta' implimentazzjoni u sakemm l-operat tiegħu huwa meħtieġ għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni proprja tal-proġetti kollha ffinanzjati mill-BONUS-169 u s-sodisfazzjoni tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali kollha ta' rapportaġġ lill-Kummissjoni għandhom ikunu spejjeż eliġibbli sa massimu ta' EUR 5 miljun.

(ii) Livell tal-proġett

Il-finanzjament bil-flus tal-BONUS-169 għandu jkun jikkonsisti minn impenn ta' "fond komuni reali" mill-Istati Parteċipanti biex jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-parteċipanti fil-proġetti BONUS-169 magħżula.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja lill-parteċipanti tal-Proġetti BONUS-169 għandha tkopri sa 100% tal-ispejjeż eliġibbli totali li jridu jiġu kkalkulati skont ir-regoli tal-ghajjnuna statali tal-Komunità u skont ir-regoli tal-fondi komuni u r-rati tal-fondi komuni, kif stabbilit mid-DIS fil-Modalitajiet ta' Implimentazzjoni żviluppati u valutati minn verifika ex-ante matul il-fażi strateġika u skont modalitajiet fissi li jridu jiġu stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni li jsegwu prinċipji bbażati fuq dawk tas-Seba' Programm Kwadru. L-allokazzjoni tal-fondi minn fond komuni ġestit b'mod ċentrali lill-proġetti BONUS-169 magħżula għandha ssegwi l-ordni tal-lista ta' klassifikazzjoni.

Miljun EUR (sa 3 postijiet deċimali)

Korp tal-kofinanzjament		2010	2011	2012	2013	2014 u wara	Total
Stati Membri Parteċipanti ²⁴	f	1.250	0.000	16.750	32.000	0.000	50.000
Kontribuzzjoni tal-Komunità	a+c	1.250	0.000	16.750	32.000	0.000	50.000
Nefqa amministrattiva	d+e	0.130	0.223	0.198	0.228	0.000	0.779
AI TOTALI inkluż il-kofinanzjament	a+c+d+e+f	2.630	0.223	33.698	64.228	0.000	100.779

Il-Kummissjoni għandha tikkontribwixxi total ta' €50M fi flus. L-Istati Membri Parteċipanti jikkommettu ruħhom għal total ta' €50M inkluż massimu ta' 25% ta' "kontribuzzjonijiet ta' infrastruttura in natura".

4.1.2. Kompatibilità mal-Ipprogrammar Finanzjarju

- Il-proposta hija kompatibbli mal-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.
- Il-proposta għandha tikkonsisti fi programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.
- Il-proposta tista' teħtieġ applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Inter-istituzzjonali²⁵ (jiġifieri strument ta' flessibilità jew reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

4.1.3. Impatt finanzjarju fuq id-Dħul

- Il-proposta m'għandhiex implikazzjonijiet finanzjarji fuq id-dħul
- Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa dak li ġej:

Miljun EUR (sa post deċimali wieħed)

Linja tal-baġit	Dħul	Qabel l-azzjoni [Sena n-1]	Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
			[Year n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5] ²⁶
	a) Dħul f'termini assoluti							
	b) Bidla fid-dħul							

²⁴ Kontribuzzjoni annwali indikattiva mistennija mill-Istati Parteċipanti li għandha tiġi konfermata mill-BONUS EEIG

²⁵ Ara l-punti 19 u 24 tal-ftehim Inter-istituzzjonali.

²⁶ Kolonni addizzjonali għandhom jiġu miżjuda jekk neccessarju, jiġifieri jekk it-tul tal-azzjoni jaqbez is-6 snin

4.2. FTE tar-Riżorsi Umani (inklużi uffiċjali, personal temporanju u estern)

Ħtiġiet annwali		2010	2011	2012	2013	2014 u wara
Numru totali ta' riżorsi umani						

5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET

5.1. Ħtiġiet i jridu jintlaħqu f'qasir żmien jew fit-tul

Il-kontribuzzjoni tal-Komunità hija meħtieġa għal aktar żvilupp, l-istabbiliment u l-operat tal-BONUS-169, sabiex jiġi permess il-kofinanzjament tal-attivitajiet mal-Istati Parteċipanti.

5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Komunità u koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u s-sinerġija possibbli

Is-sistema kurrenti ta' riċerka fir-reġjun tal-Baħar Baltiku għadha wisq frammentata biex tittratta l-isfidi urġenti u kumplessi ambjentali li qed tiffaċċja bħalissa. Is-sitwazzjoni kurrenti teħtieġ l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' approċċ integrat bi sħiħ fejn il-programmi ta' riċerka rilevanti tal-Istati ġirien kollha jistgħu jiġu simplifikati u ffukati sabiex jindirizzaw il-kwistjonijiet kumplessi u urġenti li hemm b'mod koordinat, effiċjenti u effettivi.

5.3. Għanijiet, riżultati mistennija u indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-kwadru tal-ABM

Il-BONUS-169 għandu jintegra l-programmi nazzjonali tat-8 Stati Parteċipanti fi Programm ta' Riċerka tal-Baħar Baltiku konġunt waħdieni u jappoġġa, b'mod partikolari, l-għanijiet taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u l-Istrateġiji għall-Ibħra u Marittimi.

5.4. Metodu ta' Implimentazzjoni (indikattiv)

Ġestjoni Ċentralizzata

direttament mill-Kummissjoni

indirettament b'delegazzjoni lil:

Aġenziji eżekuttivi

korpi stabbiliti mill-Komunitajiet imsemmija fl-art. 185 tar-Regolament Finanzjarju

korpi tas-settur pubbliku nazzjonali jew internazzjonali/korpi kontrollati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku u garantiti mill-Istati Membri, l-Islanda, l-Iżrael, in-Norveġja, l-Isvizzera u t-Turkija.

6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

6.1. Sistema ta' monitoraġġ

Malli jiġi stabbilit, il-BONUS-169 għandu jkun sorveljat permezz ta' rapporti regolari li għandhom jiġu provduti mid-DIS.

6.2. Evalwazzjoni

6.2.1. Evalwazzjoni ex-ante

Għandha ssir verifika ex-ante mis-servizzi tal-Kummissjoni sabiex tiġi valutata l-prontezza għall-implimentazzjoni tal-programm b'konformità mar-Regolament Finanzjarju u aktar speċifikament mad-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni ċentralizzata indiretta. Id-DIS għandu sussegwentement ifassal Pjan ta' Azzjoni li għandu jindirizza b'mod xieraq ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-verifika ex-ante.

6.2.2. Miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedja/ex-post (lezzjonijiet minn esperjenzi simili fil-passat)

Il-mudell ta' governanza propost ġie stabbilit ibbażat fuq l-esperjenza miksuba mill-inizjattiva tal-Artikolu 169 meħuda matul is-Sitt Programm Kwadru, jiġifieri l-EDCTP, u taħt is-Seba' Programm Kwadru – AAL, Eurostars u EMRP.

6.2.3. Termini u frekwenza tal-evalwazzjoni fil-futur

Skont din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni bl-assistenza ta' esperti indipendenti għandha tmexxi evalwazzjoni bbażata fuq l-evidenza tal-fażi strateġika.

Reviżjoni f'nofs il-perjodu tal-fażi ta' implimentazzjoni wara l-implimentazzjoni tat-tieni sejħa u qabel il-pubblikazzjoni tat-tielet sejħa kif ukoll evalwazzjoni 'ex-post' għandhom jitmexxew mill-Kummissjoni Ewropea.

7. Miżuri kontra l-frodi

L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-BONUS-169 jistipula li fl-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt, l-Istati Parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri regolatorji leġislattivi u amministrattivi jew miżuri oħrajn neċessarji għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet. B'mod partikolari, l-Istati Parteċipanti għandhom jipprovdu garanziji xierqa fir-rigward l-irkupru sħiħ mid-DIS ta' kwalunkwe ammonti dovuti lill-Komunità.

L-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-BONUS-169 jistipula li l-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri jistgħu, permezz tal-uffiċjali jew aġenti tagħhom, imexxu l-verifiki u spezzjonijiet kollha meħtieġa biex jiżguraw il-ġestjoni proprja tal-fondi tal-Komunità u jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Komunità kontra kwalunkwe frodi jew irregolarità. Għal dan il-għan, l-Istati Parteċipanti u/jew id-DIS għandhom, fiż-żmien dovut, jagħmlu d-dokumenti kollha rilevanti disponibbli għall-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri.

Miżuri oħra kontra l-frodi għandhom jiġu implimentati bħala parti mill-ftehim dettaljat bejn il-Kummissjoni u d-DIS.

8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. Għanijiet tal-proposta fit-termini tal-ispiża finanzjarja tagħhom

Approprijazzjonijiet għall-Impenji f' miljun EUR (sa 3 postijiet deċimali)

(L-intestaturi tal-għanijiet, azzjonijiet u effetti għandhom jiġu provduti)	Tip ta' effett	Spiża medja	2010		2011		2012		2013		2014 u wara		TOTAL	
			Nru. ta' effetti	Spiża totali	Nru. ta' effetti	Spiża totali	Nru. ta' effetti	Spiża totali	Nru. ta' effetti	Spiża totali	Nru. ta' effetti	Spiża totali	Nru. ta' effetti	Spiża totali
GĦAN OPERATTIV Nru.1 27Stabiliment u operat tal-Programm Konġunt BONUS-169														
Azzjoni 1														
	- Aġenda ta' Riċerka Strateġika - Pjattaforma tal-Partijiet Interessati - Modalitajiet ta' Implimentazzjoni		3	1.250	0	0.000		0	0	0	0	0	3	1.250
	Sejħa għal Proġetti R&D		0	0	1	0.000	1	16.750	2	32.000	0	0		
Sub-total Għan 1			0	1.250		0.000		16.750		32.000	0	0		50.000
SPIŻA TOTALI			0	1.250		0.000		16.750		32.000	0	0		50.000

27

Kif deskritt taħt l-Artikolu 5.3

8.2. Spejjeż Amministrattivi

8.2.1. Numru u tip ta' riżorsi umani²⁸

Tipi ta' karigi		Personal li għandu jiġi assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (numru ta' karigi /FTEs)					
		Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5
Uffiċjali jew personal temporanju ²⁹ (XX 01 01)	A*/AD						
	B*, C*/AST						
Personal finanzjat ³⁰ bl-art. XX 01 02							
Personal ieħor ³¹ finanzjat bl-art. XX 01 04/05							
TOTAL							

8.2.2. Deskrizzjoni tax-xogħol derivat mill-azzjoni

8.2.3. Sorsi ta' riżorsi umani (statutarji)

- Karigi fil-preżent allokatu għall-ġestjoni tal-programm li jridu jiġu sostitwiti jew estiżi
- Karigi allokatu minn qabel fi ħdan l-eżerċizzju tal-APS/PDB għas-sena n
- Karigi li jridu jiġu mitluba fil-proċedura APS/PDB li jmiss
- Karigi li jridu jiġu skjerati mill-ġdid bl-użu ta' riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz tal-ġestjoni (skjerament mill-ġdid intern)
- Karigi meħtieġa għas-sena n għalkemm mhux imbassra fl-eżerċizzju APS/PDB tas-sena konċernata

²⁸ Mhemmx uffiċjali tal-Kummissjoni li għandhom jaħdmu għall-BONUS-169 fid-DIS.

²⁹ Liema spiża MHUX koperta bl-ammont ta' referenza

³⁰ Liema spiża MHUX koperta bl-ammont ta' referenza

³¹ Liema spiża hi inkluża fl-ammont ta' referenza

8.2.4. *Nfiq ieħor amministrattiv inkluż fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Nfiq fuq il-ġestjoni amministrattiva)*

Miljun EUR (sa 3 postijiet deċimali)

	Sena 2010	Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	Sena 2014 u wara	TOTAL
1 Assistenza teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż tal-personal relatati)	0	0	0	0	0	0
Aġenziji eżekuttivi ³²						
Assistenza oħra teknika u amministrattiva						
- <i>intra muros</i>						
- <i>extra muros</i>						
Assistenza totali teknika u amministrattiva	0	0	0	0	0	0

Kalkolu– *Stima tal-ispejjeż tal-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata*

L-istima tal-ispejjeż hija bbażata fuq l-istimi pprovduti mill-BONUS EEIG wara l-esperjenzi fil-BONUS ERA-NET u l-BONUS Plus. L-ispiża totali għall-perjodu 2010-2016 tinkludi:

- Il-ġestjoni ta' BONUS: maniġer tal-programm u appoġġ segretarjali/tal-uffiċċju
- L-ispiża tad-Disseminazzjoni u tal-Komunikazzjoni: avvenimenti, materjal, midja u stampar, websajt
- L-appoġġ, manutenzjoni u liċenzji tal-IT
- L-ivvjaġġar
- Evalwazzjoni tal-proposta b'esperti indipendenti: Miżati u vjaġġar tal-esperti

8.2.5. *Spiża finanzjarja tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza*

L-informazzjoni relatata mal-infiq fuq ir-riżorsi umani u amministrattiv mhux inkluż fl-ammont ta' referenza għandha tkun ikkunsidrata bħala skjerament mill-ġdid intern fil-pakkett

³² Għandha ssir referenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva speċifika għall-Aġenzija(i) Eżekuttiva konċernata.

tal-appropriazzjonijiet amministrattivi tal-FP7.

Miljun EUR (sa 3 postijiet deċimali)

Tip ta' riżorsi umani ³³	2010	2011	2012	2013	Total
Uffiċjali u personal temporanju Linja tal-baġit 08 01 05	0.122	0.183	0.183	0.183	0.671
Personal finanzjat bl-Art XXXXX (awżiljari, END, personal kuntrattat, eċċ.) (speċifika l-linja tal-baġit)					
Spiża totali għar-Riżorsi Umani u l-ispejjeż assoċjati (MHUX fl-ammont ta' referenza)	0.122	0.183	0.183	0.183	0.645

Kalkolu– Uffiċjali u Aġenti temporanji

Spiża medja ta' EUR 122.000 għal kull pożizzjoni FTE. Fis-sena 2010, 1 FTE u fis-sena 2011 1.5 FTE qed jiġu kkunsidrati għall-fażi ta' negozjar tal-kuntratt. Mill-2012 sal-2013, 1.5 FTE qed jiġi kkunsidrat.

Kalkolu– Personal finanzjat taħt l-art. 08 01 02

1.5 FTE/sena huma antiċipati għas-segwitu ta' din l-inizjattiva mis-servizzi tal-Kummissjoni mill-2012 'il quddiem. Ix-xogħol prinċipali għandu jkun:

- Parteċipazzjoni f'laqgħat tal-kumitat tal-BONUS-169 u l-laqgħat tal-Bord Konsultattiv tal-BONUS-169 bħala membru, +/- 3-4 darbiet laqgħat ta' jumejn /sena (Direttur/Livell HoU);
- Osservatur fl-evalwazzjonijiet tal-proposta tal-BONUS-169, 2-3 ijiem kull sena (livell ta' Uffiċjal tal-Proġett);
- Parteċipazzjoni f'workshops u avvenimenti ta' disseminazzjoni, 2-3 darbiet kull sena (livell ta' Uffiċjal tal-Proġett);
- Negozjar u Preparazzjoni tal-ftehim mad-DIS (livell ta' Uffiċjal tal-Proġett + livell ta' Assistent);
- Monitoraġġ tal-implimentazzjoni bbażat fuq ir-rapporti annwali u koordinazzjoni tal-evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu u finali (livell ta' Uffiċjal tal-Proġett);

³³ Spejjeż addizzjonali stmati għal €0.528M għar-riżorsi umani huma mistennija għall-insewiment tal-inizjattiva matul il-perjodu 2014-2016 iżda mhumiex koperti bis-Seba' Programm Kwadru.

- Verifika finanzjarja u legali tal-implimentazzjoni tal-BONUS-169 (Awditur. Livell ta' Amministratur).

	2010	2011	2012	2013	TOTAL
08 01 02 11 01 – Missjonijiet	0.008	0.015	0.015	0.015	0.053
08 01 02 11 02 – Laqgħat & Konferenzi					
08 01 02 11 03 – Kumitati ³⁴					
08 01 02 11 04 – Studji & konsultazzjonijiet					
08 01 02 11 05 – Sistemi informatiċi					
2 Nfiq ieħor totali tal-Ġestjoni (08 01 02 11)	0.008	0.015	0.015	0.015	0.053
3 Nfiq ieħor ta' tip amministrattiv					
Esperti indipendenti għall-evalwazzjoni tal-fażi strateġika, ir-reviżjonijiet ta' nofs il-perjodu u finali.		0.025		0.030	0.055
Nfiq totali amministrattiv minbarra għar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)³⁵	0.008	0.040	0.015	0.045	0.108

L-informazzjoni relatata mal-infiq fuq ir-riżorsi umani u amministrattiv mhux inkluż fl-ammont ta' referenza għandha tkun ikkunsidrata bħala skjerament mill-ġdid intern fil-pakkett tal-approprijazzjonijiet amministrattivi tal-FP7.

Kalkolu – *Nfiq ieħor amministrattiv mhux inkluż fl-ammont ta' referenza*

Missjonijiet: Meta wieħed jikkunsidra li, minbarra fi Brussell, il-maġġoranza tal-laqgħat li jinvolvi l-personal tal-KE għandu jsir fil-Finlandja, l-istima tal-ispejjeż hija bbażata fuq spejjeż tal-ivvjaġġar medji ta' EUR 700 għal kull missjoni flimkien ma' €104 bħala allowance ta' kuljum u limitu ta' €140 għall-ispejjeż ta' akkomodazzjoni (kif speċifikat fil-linji gwida dwar il-missjonijiet tal-KE); it-tul medju tal-missjonijiet huwa ta' 1.5 jum; in-numru u t-tip ta' missjonijiet: 4 missjonijiet kull sena għal 2 uffiċjali biex jattendu laqgħat tal-BONUS-169. 3 missjonijiet kull sena għal uffiċjal wieħed biex jattendi workshops u avvenimenti oħra. 4 missjonijiet kull sena għal uffiċjal wieħed biex jattendi l-laqgħa tal-kumitat tal-BONUS-169 (jekk mhux fi Brussell). Għall-2010, huma assunti nofs l-ispejjeż annwali.

Assistenza esterna: L-istima tal-ispejjeż għall-appoġġ estern għall-fażi strateġika u l-evalwazzjonijiet interim bi 3 esperti esterni. L-istima tal-evalwazzjoni tal-fażi strateġika hija ta' €25.000 u r-reviżjoni ta' nofs il-perjodu ta' €30.000 (inklużi l-ispejjeż tal-espert, l-

³⁴ Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li huma parti minnu.

³⁵ Stima tal-ispejjeż addizzjonali ta' €0.045M għall-missjonijiet u ta' €0.050M għall-assistenza esterna għar-reviżjoni finali (jiġifieri total ta' €0.095M) huma mistennija wara l-2013 iżda mhux koperti bis-Seba' Programm Kwadru.

allowances ta' kuljum, u l-ivvjaġġar).